KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

# Dritt għall-Kultura

## Pakkett ta' Riżorsi

# Dritt għall-Kultura

*Pakkett ta' Riżorsi*

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

**Dritt għall-Kultura**
*Pakkett ta' Riżorsi*

Koordinazzjoni tal-Proġett:
Simone Inguanez, Uffiċjal Eżekuttiv għad-Diversità u l-Komunitajiet, Il-Kunsill Malti għall-Arti
Adrian Debattista, Kap tal-Istrateġija, Il-Kunsill Malti għall-Arti
Neville Borg, Uffiċjal Eżekuttiv għar-Riċerka, Il-Kunsill Malti għall-Arti
Mary Ann Cauchi, Direttur Fondi u Strateġija, Il-Kunsill Malti għall-Arti

Konsulenti tal-Proġett:
Pjattaforma tal-Organizzazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Malta (PHROM)
Emanuel Said, Lettur u Konsulent
Ann Laenen, Lettur u Konsulent
Franco Curmi, Lettur u Konsulent

Test: Kristina Borg, Artista impenjata fil-livell soċjali u komunitarju
Traduzzjoni: Kevin Saliba
Qari tal-provi: Global Translation Solutions
Disinn: Kixott Coop. Ltd

ISBN: 978-99957-817-8-1
Ippubblikat Malta, 2022. Stampat fuq karta ekoloġika.
Drittijiet tal-awtur © Il-Kunsill Malti għall-Arti, 2022. Id-drittijiet kollha riservati.

# WERREJ

1. Introduzzjoni .......................................... 5

2. X'inhuma d-drittijiet kulturali? .............. 13

3. Id-diversità tagħna, is-saħħa tagħna .... 21

4. Insaħħu l-prattika tagħna ....................... 27

4A. Esplora .............................................. 29
4B. Ħaddan .............................................. 35
4C. Iċċara ................................................ 47
4D. Ikkomunika ....................................... 53
4E. Involvi ............................................... 59
4F. Ikkollabora ........................................ 67
4G. Investi ............................................... 73
4H. Isma' .................................................. 79
4I. Iddokumenta ..................................... 85
4J. Sawwar mill-Ġdid ............................. 91

5. Rakkomandazzjoni finali ......................... 95

Toolkit *(verżjoni tal-web biss)* ...................... 103

# 1. INTRODUZZJONI

## Nistabbilixxu l-kuntest

Dan il-pakkett ta' riżorsi huwa inizjattiva tal-Kunsill Malti għall-Arti bil-għan li **jkattar is-sensibbiltà dwar l-inklużività u jgħin fl-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali** fil-prattika tagħna ta' kuljum. Dan jagħmel parti mill-impenn fit-tul tal-Kunsill, kif speċifikat fir-raba' għan tal-Istrateġija Create 2020 **– Nipprovdu aktar opportunitajiet lin-nies biex jinvolvu ruħhom fil-kreattività.**[1] B'impenn li nsostnu djalogu miftuħ u nagħtu widen lir-rakkomandazzjonijiet mill-komunitajiet, din l-inizjattiva qed titwettaq f'konsultazzjoni ma' partijiet attivi ewlenin involuti fil-promozzjoni u fil-governanza tajba kif ukoll ma' parteċipanti minn diversi gruppi tal-komunità.

Dan il-pakkett ta' riżorsi jinkludi żewġ komponenti ewlenin:



[1] Il-Kunsill Malti għall-Arti (2015), *Create 2020 Strategy*, p. 16, disponibbli bl-Ingliż fuq www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/English-Create2020_web.pdf

- **Il-Manwal** li jinsab fil-paġni li ġejjin. Dan tfassal bħala gwida komda ta' referenza li tintuża b'mod faċli u jinkludi diversi eżempji ta' prattika tajba.

- **It-toolkit** kumplimentari mehmuż. Dan jinkludi għodod utli, mudelli, listi u referenzi meħtieġa fil-prattika ta' kuljum.

## Għal min tfassal dan il-pakkett?

Dan il-pakkett ta' riżorsi tfassal bħala gwida ta' referenza u ispirazzjoni għal dawk kollha li jaħdmu mal-komunitajiet u għalihom u jħabirku sabiex joktor l-involviment u l-parteċipazzjoni kulturali tal-udjenzi – fosthom iżda mhux biss:



# Kif jintuża dan il-pakkett?

**Agħmlu tiegħek!**

Biex tuża dan il-pakkett ta' riżorsi bl-aħjar mod nissuġġerulek tagħmlu tiegħek kemm tista':



- Aqra l-manwal, qalleb fit-toolkit
- Żid in-noti u r-riflessjonijiet tiegħek fl-ispazji apposta
- Aqsam dan il-pakkett mat-tim u mal-kollaboraturi tiegħek
- Minn żmien għal żmien erġa' aqbad il-manwal u t-toolkit u ħares lejhom minn perspettivi ġodda
- Aqsam ix-xogħol tiegħek magħna – nieħdu gost nisimgħu mingħandek
- Għinna ntejbu l-edizzjonijiet li jmiss ta' dan il-pakkett

Iktbilna! Ibagħtilna email fuq:
info.acm@artscouncil.mt

# Il-metodoloġija

Sa mill-ewwel stadji, lura fit-tieni nofs tal-2019, il-Kunsill Malti għall-Arti adotta **approċċ miftuħ u orizzontali**. F'eżerċizzju li evalwa b'mod kritiku u analizza d-drittijiet kulturali, l-inklużività, kif ukoll l-intoppi, il-ħtiġijiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati, il-Kunsill stieden bosta **partijiet attivi ewlenin mis-settur** u **diversi membri ta' diversi gruppi prinċipali tas-soċjetà** biex jaqsmu l-opinjonijiet u l-istejjer tagħhom. Dawn ġew involuti matul il-proċess kollu tar-riċerka.

Wara konsultazzjoni inizjali mal-Pjattaforma tal-Organizzazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Malta (PHROM) – li serviet ta' gwida strumentali għall-Kunsill fl-identifikazzjoni tal-parteċipanti attivi ewlenin tas-settur – il-proċess segwa dawn il-passi:



It-tmien **focus groups** jirriflettu l-ħtiġijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-gruppi komunitarji identifikati fl-Istrateġija Create 2020:

- **Tfal** ta' bejn 6–10 snin
- **Adolexxenti** ta' bejn11–17 il-sena
- **Żgħażagħ** minn 18-il sena 'l fuq
- **Anzjani**
- **Gruppi qajla milħuqa**[2]
- **Persuni b'diżabbiltà**
- **Persuni minn sfondi etniċi differenti**
- **Persuni attivi fil-kultura tradizzjonali**



Kull focus group ġie kkoordinat minn persuni impenjati fil-ħidma favur id-drittijiet kulturali,[3] b'kompetenzi li jikkumplimentaw il-bżonnijiet tal-gruppi komunitarji msemmija hawn fuq.

[2] Dan jista' jidher bħala grupp pjuttost ġenerali. Għalkemm hemm ċerti ħtiġijiet li jistgħu jiġu ttrattati b'mod aktar speċifiku, xorta nirrikonoxxu li ħadd ma jgħix ġo kaxxa għalih waħdu u għaldaqstant ġieli jista' jkollna l-istess ħtiġijiet. Il-membri ta' dan il-grupp iddiskutew il-limitazzjonijiet u l-isfidi li jiltaqgħu magħhom bħala persuni (jew rappreżentanti ta' individwi) illi qegħdin iġarrbu vjolenza domestika, ifittxu ażil, jaħdmu fl-industrija tas-sess, jidentifikaw bħala LGBTIQ, ibatu minn xi diżabbiltà intellettwali jew għandhom problemi fl-aċċessibbiltà għat-trasport.

[3] Lista sħiħa tal-ismijiet u tar-rwoli tal-koordinaturi tal-focus groups tinsab fit-taqsima tar-ringrazzjamenti.

Abbażi tar-riżultati ta' dawn il-focus groups, għadd ta' akkademiċi[4] li jispeċjalizzaw fil-Ġestjoni Kulturali, fis-Snajja' tas-Suq u fl-Interazzjoni mal-Midja Soċjali fasslu u wettqu sensiela ta' intervisti **ma' membri tal-gruppi prinċipali**, inkluż il-persunal tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-koordinaturi tal-focus groups. Dawn l-intervisti ppermettew li l-proċess ta' riċerka jikseb intuwiti aktar profondi dwar it-tematiċi li ħarġu mill-focus groups u dwar kif dawn jistgħu jiġu indirizzati mill-perspettiva tal-politiki.



[4] Il-konsulent akkademiku u ż-żewġ akkademiċi assoċjati jissemmew fit-taqsima tar-ringrazzjamenti.

Fl-aħħar nett, il-materjal iġġenerat permezz tal-focus groups issokta jiġi elaborat minn **grupp ta' ħidma intersettorali għall-qsim tal-għarfien**, fosthom rappreżentanti[5] tas-Segretarjat tal-PHROM, tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, tal-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti, tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Dawn ir-rappreżentanti taw sehemhom fit-tfassil ta' **rakkomandazzjonijiet u direzzjonijiet ġodda** possibbli għal kultura aktar inklużiva li tkun disponibbli u aċċessibbli għal kulħadd.

Is-sejbiet kollha ta' dan il-proċess ta' riċerka ffaċilitaw u ggwidaw l-iżvilupp u l-ħolqien ta' dan il-pakkett ta' riżorsi.

## Ħarsa lejn l-istampa ġenerali

Dan il-pakkett ta' riżorsi mhuwiex riżorsa awtonoma. Il-potenzjal sħiħ tiegħu jista' jiġi sfruttat biss meta jitqies f'kuntest usa'. Dan id-dokument ġie ppubblikat fi żmien delikat u partikulari ħafna.

Importanti nirrimarkaw li dan il-pakkett ta' riżorsi jippermettilna nħarsu lura lejn **Strateġija 2020** tal-Kunsill Malti għall-Arti biex imbagħad nibnu fuqha

[5] Lista sħiħa tal-ismijiet u tar-rwoli tal-membri tal-grupp ta' ħidma tinstab fit-taqsima tar-ringrazzjamenti.

filwaqt li nħarsu 'l quddiem lejn **Strateġija 2025**.

Dokument kumplimentari ġdid ieħor huwa l-**Politika Kulturali Nazzjonali 2021** illi tnebbaħ ukoll mid-Drittijiet Kulturali.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, ejjew ma ninsewx illi ninsabu qalb sensiela ta' **kriżijiet dinjija** – jiġifieri bosta kunflitti politiċi, insigurtà alimentari, tibdil fil-klima, sfidi affrontati minn persuni li jeħtiġilhom bilfors jivvjaġġaw spiss kif ukoll inugwaljanzi bejn is-sessi – li issa komplew isiru iżjed u iżjed gravi kaġun tal-**pandemija globali tal-COVID-19** u tal-konsegwenzi tagħha. Approċċ illi jgħarraf il-prattika tagħna ta' kuljum permezz tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti kapaċi jgħinna nittrattaw il-kwalità tal-ħajja u l-benessri, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, l-ugwaljanza u s-sostenibbiltà.

# 2. X'INHUMA D-DRITTIJIET KULTURALI?

## X'Inhi l-Kultura?

M'għandniex definizzjoni waħda ta' kultura. Nies differenti jista' jkollhom fehmiet u interpretazzjonijiet differenti dwar xi tfisser il-kultura u dwar dak li tinvolvi, u fehim wieħed mhux bilfors jieħu post l-ieħor. Il-parteċipanti tal-focus groups qablu li **l-kultura hija l-punt fejn l-imħuħ jiltaqgħu u jikbru flimkien**, li l-kultura ssawwar **l-identitajiet u s-soċjetajiet** u li din tgħin biex jiżdied **is-sens ta' appartenenza**. Din id-deskrizzjoni tgawdi l-appoġġ tal-Karta ta' Ruma 2020 li toffri d-deskrizzjoni li ġejja – u nistgħu almenu nqisu din definizzjoni operattiva għall-fehim komuni tagħna:

"Il-kultura hija **kif in-nies jiffurmaw, jesprimu, jaqsmu u jinnegozjaw il-valuri tagħhom** – inklużi dawk illi ma jkunux konxji tagħhom jew li ma jistgħux jartikulawhom b'modi diretti. Il-kultura hija kulma nagħmlu lil hinn mis-sopravivenza. **Il-kultura hija dak kollu li nagħmlu biex narrikkixxu ħajjitna**. Hija wkoll l-istorja li tiddefinixxi l-għemejjel tagħna, anke meta ma nittendux. **Il-kultura tiddeskrivi lid-dinja, u aħna naraw id-dinja mil-lenti tagħha.**"[6]

[6] Roma Capitale u UCLG (Bliet Magħquda u Gvernijiet Lokali) – Kumitat għall-Kultura (2020), Il-Karta ta' Ruma 2020. *The 2020 Rome Charter: The right to participate fully and freely in cultural life is vital to our cities and communities*, p. 4, disponibbli bl-Ingliż www.agenda21culture.net/sites/default/files/2020_rc_eng_0.pdf

Il-grupp ta' ħidma intersettorali għall-qsim tal-għarfien jirrikonoxxi li għandna **nifhmu l-kultura fl-iktar forma wiesgħa tagħha**, mill-każini tal-baned saż-żfin kontemporanju, mill-għana sal-punk rock, mill-qari tal-poeżija sal-apprezzament tal-kċina lokali – dan kollu huwa kultura. Dawn huma biss xi ftit eżempji li juru n-natura mżewqa tal-kultura u b'ebda mod mhi lista eżawrjenti. Dan il-fehim jippermettilna nimxu lil hinn minn kultura orjentata lejn il-prodott-oġġett u li niffukaw fuq it-tifsiriet assoċjati ma' prattiki bħal dawn. Bħalma Farida Shaheed, l-eks Rapporteur Speċjali tan-NU fil-qasam tad-drittijiet kulturali (2009-2015), stqarret m'ilux:

> "Jiena nħaddan il-fehma antropoloġika usa', billi nara l-kultura bħala l-mod illi bih l-umanità tesprimi ruħha – permezz tal-kultura **'għolja'** jew ta' dik '**popolari**'. M'għandhiex x'taqsam daqstant mal-oġġetti manifatturati speċifiċi iżda pjuttost mat-tifsiriet assenjati lilhom. Iktar mill-ikel illi nieklu, din tinkludi l-perċezzjonijiet ta' nies oħrajn kif ukoll l-interazzjoni magħhom u man-natura."[7]

Jekk naqblu li l-kultura hija mod ta' ħajja li tirreferi għall-modi kif inġarrbu d-dinja li ngħixu fiha, allura nistgħu naqblu wkoll li l-ħajja kulturali għandha tkun flessibbli

[7] Shaheed, F. (2011), *Cultural rights: what are these and why are they important for women's right to development?* Dokument ippreżentat fil-Konsultazzjoni Reġjonali tal-Asja-Paċifiku bi Proċeduri Speċjali tan-NU: Id-Dritt tan-Nisa għall-Iżvilupp, p. 3, disponibbli bl-Ingliż fuq www.ohchr.org/Documents/Issues/CulturalRights/Culturalrightsofwomen/ASEANwomenconsultation2011-FSstatement.pdf

sabiex tkun kapaċi tadatta għall-ħtiġijiet tas-soċjetajiet u tal-komunitajiet illi qegħdin jinbidlu. Il-kultura mhix statika. Tinbidel u tevolvi maż-żmien. U huwa proprju għalhekk li nirreveduha u ninterpretawha mill-ġdid, billi nħarsu lura lejn l-oriġini filwaqt li nħaddnu żviluppi ġodda. *(Ara paġni 16 u 17)*

Irrikonoxxuti mill-Artiklu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,[8] l-UNESCO tiddefinixxi d-drittijiet kulturali **"bħala d-dritt għall-aċċess għall-kultura, għall-parteċipazzjoni fiha u għat-tgawdija tagħha. Dan jinkludi d-dritt tal-individwi u tal-komunitajiet li jkunu jafu, jifhmu, iżuru, jużaw, jindukraw, jiskambjaw u jiżviluppaw wirt kulturali u espressjonijiet kulturali, kif ukoll id-dritt li jibbenefikaw mill-wirt kulturali u mill-espressjonijiet kulturali ta' ħaddieħor."**[9]

Dan ifisser li ma nistgħux nifirdu d-drittijiet kulturali mill-bqija tad-drittijiet tal-bniedem. Kif jistipula l-Artiklu 5 tad-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Diversità Kulturali (2001) tal-UNESCO: **"Id-drittijiet kulturali huma parti integrali mid-drittijiet tal-bniedem, li huma universali, indiviżibbli**

[8] L-Artiklu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jiddikjara li, "(1) Kulħadd għandu d-dritt li jipparteċipa liberament fil-ħajja kulturali tal-komunità, li jgawdi l-arti u li jkollu sehem mill-avvanz xjentifiku u l-benefiċċji tiegħu. (2) Kulħadd għandu d-dritt għall-protezzjoni tal-interessi morali u materjali li jirriżultaw minn kwalunkwe produzzjoni xjentifika, letterarja jew artistika li huma jkunu l-awturi tagħha."

[9] UNESCO (2019), *The Right to Culture*, disponibbli bl-Ingliż www.unesco.org/culture/culture-sector-knowledge-management-tools/10_Info%20Sheet_Right%20to%20Culture.pdf

# X'Inhuma d-Drittijiet Kulturali?

U allura, x'inhuma d-Drittijiet Kulturali? Din il-mistoqsija saret fil-bidu ta' kull sessjoni tal-focus groups u qajmet diversi reazzjonijiet:

*"Id-dritt li tesprimi ruħek u li jkollok il-mezzi biex tagħmel dan."*
— Membru fil-focus group taż-Żgħażagħ

*"Hija l-libertà li tkun int innifsek."*
— Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

*"Meta nħossni sigur inkun nista' nitkellem b'mod ħieles u tassew hekk nagħmel. Hemm id-dritt li ma taqbilx u dik ħaġa tajba. Jekk ma jkunx hemm dan, inżomm kollox għalija nnifsi."*
— Membru fil-focus group tal-Adolexxenti

*"L-ismijiet li nagħtu lil uliedna, il-kanzunetti li nkantaw, ħwejjiġna, il-lingwa, dak li nħobbu, il-manjieri tagħna, l-attitudni tagħna lejn l-ambjent – dawn kollha prodott tal-isfond kulturali tagħna."*
— Membru fil-focus group tat-Tfal

*"Hija dritt ta' kulħadd, iżda mhux kulħadd jieħu vantaġġ minnha. Tidher sitwazzjoni problematika għall-koorti 65+."*
— Membru fil-focus group tal-Anzjani

*"Aħna lkoll għandu jkollna d-dritt li nipparteċipaw sew bħala udjenza u sew bħala atturi."*
— Amy Camilleri Zahra, Koordinatriċi tal-focus group tal-Persuni b'diżabbiltà

*"Id-drittijiet kulturali jibnu l-pontijiet."*
— Ruth Farrugia, Koordinatriċi tal-focus groups tat-Tfal u tal-Adolexxenti

*"In-nies ma jiġux imħeġġa jintervjenu jew iressqu l-ideat tagħhom."*
— Membru fil-focus group tal-Anzjani



*"Id-dritt għall-kultura huwa l-proċess li tagħmel il-kultura siewja u aċċessibbli. Xi wħud għandhom aċċess faċli għall-kultura, iżda din mhix in-norma għal kulħadd."*
— Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

*"Nistgħu ngħidu li d-drittijiet kulturali huma xi ħaġa li ġġorr miegħek minn art twelidek lejn destinazzjoni oħra. Hija dik il-kultura li tintroduċi fil-kultura li tkun tinsab fiha."*
— Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

*"L-offerta ta' spazju għall-ġenerazzjoni l-ġdida biex jinħolqu modi ġodda ta' kultura (eż. mużika underground)."*
— Membru fil-focus group taż-Żgħażagħ

*"Il-kultura tradizzjonali mhix inqas importanti minn forom oħra ta' kultura."*
— Membru fil-focus group tal-Persuni attivi fil-kultura tradizzjonali

*"In-nies attivi fl-arti huma aktar konxji mid-drittijiet tagħhom minn persuni oħrajn."*
— Membru fil-focus group taż-Żgħażagħ

*"Id-dritt li tesprimi ruħek kif fil-fatt int, bla ma tiġi ġġudikat."*
— Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

*"Kultant inħossuna msikktin. Pereżempju t-tgħanniq mhux permess fl-iskola. [Dan kien qabel il-pandemija.] Aħna ma nagħmlu xejn apposta biex nirribellaw. Irridu nobdu u nagħmlu lill-għalliema tagħna kburin. Ilmma, f'ġieħ kemm hemm, ħalluna ngħixu!"*
— Membru fil-focus group tal-Adolexxenti

*"Id-dritt li tipparteċipa."*
— Membru fil-focus group taż-Żgħażagħ

**u interdipendenti.”**[10] Għaldaqstant id-drittijiet kulturali huma importanti daqs id-drittijiet ċivili, ekonomiċi, politiċi u soċjali. Huwa kruċjali li d-drittijiet kulturali jiġu integrati u li nibdew nagħrfu din l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem.

Fi ftit xhur biss, il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet din il-ħtieġa iżjed fid-dieher u esponiet għadd ta' nuqqasijiet fis-soċjetajiet tagħna. Bħalma rrapportat l-Eks Rapporteur Speċjali tan-NU fil-qasam tad-drittijiet kulturali (2015–2021) Karima Bennoune, fir-reazzjoni tagħna għall-pandemija u bħala mekkaniżmu ta' adattament, id-domanda għat-tgawdija tal-kultura u tal-kreattività żdiedet. Madankollu l-persuni impjegati fl-oqsma tal-arti u tal-kultura sabuha diffiċli, ġieli wkoll impossibbli, li jipproduċu u jesprimu ruħhom. Din id-diskrepanza kompliet titwessa' aktar bl-għeluq tas-siti kulturali, sija artistiċi u sija komunitarji. L-attur, kittieb u direttur teatrali Ingliż Simon Callow innota li "l-punt tal-arti huwa l-konnessjoni – l-interkonnettività. Il-vokabularju tal-imxija jinsab f'kunflitt mal-vokabularju tal-arti."[11] Għalhekk "jenħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti biex insolvu din it-tensjoni u niggarantixxu d-drittijiet kulturali ta' kulħadd." (Bennoune 2021)[12]

[10] UNESCO (2001), *Universal Declaration on Cultural Diversity*, disponibbli bl-Ingliż fuq portal.unesco.org/en/ev.php-URL_ID=13179&URL_DO=DO_TOPIC&URL_SECTION=201.html

[11] Callow S. (2021), matul il-kontribut tiegħu għall-webinar *Preventing "Cultural Catastrophe" in the Pandemic: A Cultural Rights Approach*, organizzat minn Artists at Risk Connection, PEN America u Humanists International, imtella' fid-9 ta' Marzu 2021. Tista' ssegwi reġistrazzjoni ta' dan l-avveniment fuq www.facebook.com/watch/live/?v=242270457539367&ref=watch_permalink

[12] Bennoune K. (2021), COVID-19, Culture and Cultural Rights – Report of the Special Rapporteur in the Field of Cultural Rights, para. 5, p. 4, disponibbli bl-Ingliż fuq digitallibrary.un.org/record/3907050?ln=en

Jekk nagħtu ħarsa lejn l-impatt li ħalliet il-pandemija fuq ix-xena lokali, nintebħu bl-iżbilanċ li għandna fir-relazzjoni bejn id-dritt għall-kultura u d-dritt għall-edukazzjoni. Fl-adattament għan-normalità l-ġdida, xi skejjel warrbu fil-ġenb is-suġġetti artistiċi (fost oħrajn) mill-iskedi tagħhom filwaqt li l-edukaturi rispettivi fl-arti sfaw trasferiti f'pożizzjonijiet istruttivi ta' sostituzzjoni jew ta' ambitu ġenerali. L-edukazzjoni artistika li kienet tingħata barra mill-ħinijiet normali tal-iskola sfat ukoll marġinalizzata u sofriet bil-kbir. Issa li qegħdin nimplimentaw mainstreaming tad-dritt għall-kultura, wasal iż-żmien li nneħħu wkoll ċerti tikketti bħal ngħidu aħna "ekstrakurrikulari" (li spiss nassoċjawhom ma' suġġetti artistiċi). Minflok, għandna nirrikonoxxu l-benefiċċji li toffrilna l-edukazzjoni artistika u kulturali biex insiru ħassieba kritiċi.

> "Edukazzjoni ta' kwalità fil-kultura u fl-arti hija rekwiżit preliminari biex is-soċjetà tiżviluppa sensabilizzazzjoni dwar l-identità kulturali tagħha u biex din tikkultiva d-domanda kulturali. Edukazzjoni fl-arti u fil-kultura li tkun parti obbligatorja mill-kurrikuli tal-iskola minn età żgħira kapaċi tqanqal l-interess u l-involviment."
>
> **— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem**

Bennoune irrimarkat li d-drittijiet kulturali mhumiex xi lussu, anke waqt pandemija globali, u li dawn huma fundamentali għall-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp

Sostenibbli. Callow jaqbel li l-attivitajiet artistiċi "għandhom kompitu indispensabbli u vitali. Huma wkoll jagħmlu parti mis-servizz tas-saħħa nazzjonali – il-ġinnażju tal-immaġinazzjoni, kura ta' rpoż għar-ruħ – mhux lussu, iżda garanzija tal-benessri tal-komunità." Din il-kriżi tas-saħħa globali wrietna li t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet kulturali tiddependi mill-benefiċċji tal-progress xjentifiku u mill-applikazzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant, mill-ġdid, id-dritt għall-kultura, id-dritt għax-xjenza u d-dritt għas-saħħa huma marbutin mill-qrib.

Għalhekk "l-indiviżibbiltà u l-interdipendenza tad-drittijiet kollha tal-bniedem – ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi u soċjali – huma prinċipji fundamentali tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem."[13] Din hija t-triq 'il quddiem biex niggarantixxu **demokrazija kulturali** li tħaddan fiha liċ-ċittadini kollha abbażi tal-**ugwaljanza** u **mingħajr diskriminazzjoni**.

"Il-ħajja kulturali mhix biss avveniment, iżda hija parti minna nfusna u mill-komunità tagħna. Hija wkoll il-modi kif nipparteċipaw flimkien. Il-ħajja kulturali mhijiex attività awtonoma, hija min aħna."

**— Neil Falzon, Kap tas-Segretarjat, PHROM**

[13] Nazzjonijiet Uniti (2005), Economic, Social and Cultural Rights: Handbook for National Human Rights Institutions, disponibbli bl-Ingliż fuq www.ohchr.org/Documents/Publications/training12en.pdf

# 3. ID-DIVERSITÀ TAGĦNA, IS-SAĦĦA TAGĦNA

## Niċċelebraw id-diversità tagħna

Ir-relazzjoni bejn il-kultura u d-diversità ġiet iddokumentata bis-sħiħ. Kif stqarret Farida Shaheed (2011), "ebda soċjetà ma qatt ikollha kultura singulari waħda biss [u] l-identità mhix singulari. Kull persuna ġġorr fiha identità multipla u kumplessa, li tagħmilha persuna unika. L-individwi jidentifikaw lilhom infushom b'ħafna modi. Għalhekk jieħdu sehem b'mod simultanju f'diversi komunitajiet b'valuri kulturali komuni."[14] Bl-istess mod, għandna **multipliċità u diversità ta' kulturi.**

> *"Aħna ngħixu f'soċjetà multikulturali – tradizzjonijiet differenti, reliġjonijiet differenti ... Din mhix wisq kwistjoni ta' ċittadinanza, iżda pjuttost ta' esperjenzi personali."*
>
> — Membru fil-focus group tal-Adolexxenti

> *"Malta fiha nfisha għandha kultura diversa ħafna. Siltet xi ħaġa mill-kulturi kollha li messet magħhom fl-istorja. Kienet tranżizzjoni għal nies differenti. Kulħadd ħalla l-marka tiegħu, anke fil-lingwa."*
>
> — Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

[14] Shaheed, F. (2011), *Cultural rights: what are these and why are they important for women's right to development?* Dokument ippreżentat fil-Konsultazzjoni Reġjonali tal-Asja-Paċifiku bi Proċeduri Speċjali tan-NU: Id-Dritt tan-Nisa għall-Iżvilupp, p. 4, disponibbli bl-Ingliż fuq www.ohchr.org/Documents/Issues/CulturalRights/Culturalrightsofwomen/ASEANwomenconsultation2011-FSstatement.pdf

Il-grupp ta' ħidma intersettorali għall-qsim tal-għarfien jiddeskrivi l-komunitajiet bħala **nisġa ta' diversità**. Il-membri ta' dan il-grupp ta' ħidma jirrikonoxxu l-benefiċċji li narrattivi differenti u esperjenzi differenti jista' jkollhom meta jiġu skambjati, b'tali mod li jarrikkulna ħajjitna. **L-ekwità kulturali** tinkorpora valuri u prattiki li jiżguraw li **n-nies kollha** – fosthom iżda mhux biss, dawk li storikament kienu sottorappreżentati minħabba r-razza, l-etniċità, l-età, id-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-istatus soċjoekonomiku, il-ġeografija, l-istatus taċ-ċittadinanza jew ir-reliġjon tagħhom – ikunu rappreżentati fl-iżvilupp tal-politika kulturali. Permezz tal-integrazzjoni reċiproka ta' elementi kulturali diversi qegħdin inħejju art fertili biex insiru nafu 'l xulxin u biex negħlbu n-nuqqas ta' fiduċja, il-biża' u l-preġudizzji tagħna.

*"Il-koorti li jissejjaħ 'grupp tal-anzjani' fih innifsu huwa divers ħafna u għandu bżonnijiet u interessi diversi. L-anzjani ma jistgħux jiġu indirizzati bħala grupp wieħed."*

— Membru fil-focus group tal-Anzjani

*"Id-diversità tarrikkixxi. Ejjew naħdmu flimkien, minflok noqogħdu nibżgħu. Minħabba li aħna differenti nistgħu noħolqu riżultati aħjar."*

— Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

Tabilħaqq, ir-rapport tematiku tal-Kunsill tal-Ewropa 2016 jiddikjara li **"l-esponiment għall-kultura jippermetti li n-nies jagħrfu l-importanza tad-diversità**, u b'hekk

*"Meta tkun involut fl-arti, aktarx tkun iktar espost u aktar pożittiv dwar ir-rikkezza tad-diversità minn żgħażagħ oħra."*

— Membru fil-focus group Taż-Żgħażagħ

titwessa' l-apertezza tagħhom viżavì gruppi oħra fis-soċjetà."[15] Bl-istess mod, id-diversità tippermettilna "nħeġġu l-kreattività u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali, u **nrawmu l-iżvilupp ekonomiku u t-tnaqqis tal-kunflitti.**"[16] Fuq l-istess nota, il-Karta ta' Ruma 2020 tiddeskrivi l-kultura bħala "il-workshop kreattiv illi bih iċ-ċittadini jistgħu **jikkonċepixxu risponsi għall-isfidi komuni tagħna.**"[17]

*"Iktar ma n-nies ikunu miftuħa għad-diversità u għall-inklużjoni, iktar aħjar. In-nozzjoni ta' 'l-ieħor' jew 'l-oħra' hija qawwija ħafna f'moħħ bosta nies. Jenħtieġ nieqfu naraw lin-nies bħala 'l-oħrajn'. Dan jista' jsir. Huwa mod kif ngħixu. Huwa proċess ta' tagħlim."*

— Ruth Farrugia, Koordinatriċi tal-focus groups tat-Tfal u Adolexxenti

[15] Kunsill tal-Ewropa (2016), *Cultural Participation and Inclusive Societies: A thematic report based on the Indicator Framework on Culture and Democracy*, p. 12, disponibbli bl-Ingliż fuq rm.coe.int/cultural-participation-and-inclusive-societies-a-thematic-report-based/1680711283

[16] Kunsill tal-Ewropa (2016), *Indicator Framework on Culture and Democracy: Policy Maker's Guidebook*, p. 16, disponibbli bl-Ingliż fuq culturalindicators.org/downloads/IFCD_Guidebook_v1_Oct2016.pdf

[17] Roma Capitale u UCLG (Bliet Magħquda u Gvernijiet Lokali) – Kumitat għall-Kultura (2020), Il-Karta ta' Ruma 2020. *The 2020 Rome Charter: The right to participate fully and freely in cultural life is vital to our cities and communities*, p. 1, disponibbli bl-Ingliż fuq www.agenda21culture.net/sites/default/files/2020_rc_eng_0.pdf

# Nittrattaw id-diversità kulturali

L-istadji kollha tar-riċerka – il-focus groups, l-intervisti u l-grupp ta' ħidma għall-qsim tal-għarfien – segwew linja bażi komuni ta' ħames fatturi interrelatati li l-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (CESCR) jinkludi bħala kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq sħiħ tad-dritt ta' kulħadd li jieħu sehem fil-ħajja kulturali abbażi tal-**ugwaljanza u mingħajr diskriminazzjoni**.[18]

Dawn jinkludu:




[18] Kumitat tan-NU għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (CESCR), Kumment Ġenerali nru 21, Right of everyone to take part in cultural life (art. 15, para. 1a of the Covenant on Economic, Social and Cultural Rights), 21 ta' Diċembru 2009, E/C.12/GC/21, p. 4–5, disponibbli bl-Ingliż fuq www.refworld.org/docid/4ed35bae2.html



**Id-disponibbiltà** tippermettilna nġibu oġġetti u servizzi kulturali diversi eqreb lejn in-nies fil-komunitajiet tagħna, billi ġġib oġġetti u servizzi bħal dawn aċċessibbli għat-tgawdija u għall-benefiċċju ta' kulħadd.

**L-aċċessibbiltà** tiggarantixxi li l-komunitajiet ikunu konxji mill-opportunitajiet kulturali biex ikunu jistgħu jgawduhom bis-sħiħ u b'mod effettiv fil-limiti tal-ħiliet fiżiċi, konjittivi, finanzjarji u lingwistiċi tagħhom.

**L-aċċettabbiltà** tiżgura li d-drittijiet kulturali, l-istrateġiji, il-politiki u l-programmi jiġu implimentati b'mod aċċettabbli għalina l-komunitajiet filwaqt li tiggarantixxi tolleranza sħiħa għall-espressjonijiet u għall-ħtiġijiet diversi.



**L-adattabbiltà** tirreferi għall-flessibbiltà ta' strateġiji kulturali, politiki u programmi li jadattaw għall-ħtiġijiet tagħna filwaqt li jisfidaw ukoll il-perċezzjonijiet tagħna; japprezzaw l-imgħoddi u l-preżent tagħna filwaqt li jħalluhom jevolvu lejn il-ġejjieni.



**L-adegwatezza** tikkonsisti fit-twettiq tad-drittijiet kulturali b'mod xieraq, inkluživ u li jirrispetta lilna bħala komunitajiet u l-kuntest tagħna, abbażi tal-ekwità u mingħajr diskriminazzjoni, filwaqt li tiggarantixxi wkoll il-bqija tad-drittijiet tal-bniedem.



Id-deskritturi msemmijin hawn fuq iġagħluna nirrealizzaw minnufih l-interrelazzjoni u l-interdipendenza ta' dawn il-ħames kundizzjonijiet. L-issodisfar ta' fattur wieħed minnhom ma jeliminax il-ħtieġa għall-issodisfar tal-bqija. Dan jirrifletti l-elementi komuni li ħarġu fil-ħtiġijiet u fir-rakkomandazzjonijiet tal-komunitajiet differenti rrappreżentati mit-tmien focus groups. Tabilħaqq, dawn il-ħames kundizzjonijiet hawnhekk qegħdin jiġu ttrattati bħala sett wieħed u ser ikomplu jiffurmaw il-linja bażi tagħna waqt li ser inkunu qed insaħħu l-prattika tagħna fil-paġni li ġejjin.

# 4. INSAĦĦU L-PRATTIKA TAGĦNA

It-termini ewlenin li ser jidhru fil-paġni li ġejjin huma lkoll **verbi dinamiċi** u jservu ta' **tfakkira ta' kif inkomplu nsaħħu l-prattika tagħna**. Dawn jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mill-proċess tar-riċerka. Uħud mill-kwistjonijiet u mir-rakkomandazzjonijiet huma simili u jsostnu 'l xulxin. Dan sempliċement għax il-ħajja u l-esperjenza umana jagħmlu parti minn realtà kumplessa ta' bosta intersezzjonijiet. Għaldaqstant, kwistjoni qatt ma tkun esklużiva għal karatteristika, ħtieġa jew grupp wieħed biss.

Kull wieħed minn dawn it-termini ewlenin kapaċi jservi ta' tfakkira awtonoma li nistgħu nirreferu għaliha minn żmien għal żmien, iżda jekk insegwu progressjoni ċiklika nkunu nistgħu noħolqu approċċ minn isfel għal fuq u ċċentrat fuq in-nies.

**NESPLORAW**
il-komunitajiet u l-kuntest tagħna

**INĦADDNU**
d-diversitajiet tagħna

**NIĊĊARAW**
l-intenzjonijiet tagħna

**NIKKOMUNIKAW**
permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni differenti

**NINVOLVU**
permezz tal-parteċipazzjoni u tal-kokreazzjoni

**NIKKOLLABORAW**
biex naqsmu l-ħiliet u r-responsabbiltajiet tagħna

**NINVESTU**
l-ħin tagħna fl-esperjenza

**NISIMGĦU**
bis-sensi kollha tagħna

**NIDDOKUMENTAW**
il-proċess tagħna

**INSAWRU MILL-ĠDID**
skont il-ħtiġijiet li jinqalgħu


Esplora
Ħaddan
Iċċara
Ikkomunika
Involvi
Ikkollabora
Investi
Isma'
Iddokumenta
Sawwar mill-ġdid

# 4A. ESPLORA

**L-esplorazzjoni u l-iskoperta ta' fejn u ma' min qegħdin naħdmu jippermettulna nippjanaw flimkien b'modi aħjar. Aħna noħolqu għax infittxu li nistabbilixxu konnessjoni u ninteraġixxu mal-komunitajiet u mal-udjenzi tagħna. Qabel nippjanaw u noħolqu xi ħaġa, għandna nkunu ċerti li jkollna udjenza potenzjali. Dan jirrikjedi daqsxejn ta' ħsieb u riċerka.**

## Rakkomandazzjoni 1

### Insiru nafu l-komunitajiet tagħna

Id-definizzjoni tal-grupp li qed niffukaw fuqu tgħinna nidentifikaw u nittrattaw il-ħtiġijiet, il-ħiliet, il-preferenzi, ix-xewqat u t-tħassib tal-persuni li naħdmu magħhom. L-ideat tagħna jistgħu jibqgħu rilevanti jekk nadattaw u nippjanaw dak li jkollna x'noffru skont dawn il-fatturi. Dan żgur mhux bilfors ifisser illi n-nies ma jkunux interessati fl-ideat tagħna. Qegħdin niżguraw biss li dawn l-ideat jittrattaw il-ħtiġijiet tal-parteċipanti, tal-kollaboraturi u tal-udjenzi immedjati.

Il-komunitajiet tagħna jistgħu jagħmlu parti minn grupp diġà eżistenti jew jistgħu jingħaqdu temporanjament u speċifikament għall-esperjenza kreattiva u kollettiva. L-għarfien ta' dan l-isfond jista' jgħinna niffaċilitaw id-dinamiki tal-grupp.

Ladarba niksbu dan l-għarfien, għandna dejjem niżguraw illi kulħadd ikun involut b'mod etiku u nfittxu l-kunsens meħtieġ.

Xi minn daqqiet l-għarfien tal-komunitajiet tagħna jsir iżjed faċli meta nkunu fosthom fuq il-post.

*"Sir af lill-udjenza tiegħek, il-problemi tal-membri tagħha, kif jaħsbuha, kif iħossuhom u kif l-aħjar tilħaqhom."*

— Oliver Scicluna, dak iż-żmien Kummissarju għad-Drittijiet tal-Persuni b'diżabbiltà

*"Huwa tabilħaqq importanti li l-kuraturi jmorru fil-komunità għax b'hekk il-parteċipazzjoni tal-anzjani ssir aktar faċli. Jenħtieġ li l-fornituri kulturali jikkomunikaw magħna."*

— Membru fil-focus group tal-Anzjani

*Il-produtturi kulturali jenħtieġ ikunu konxji bis-sħiħ mill-udjenzi li jindirizzaw u jevitaw li jinxteħtu f'xi attività bl-addoċċ."*

— Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

*"Sib modi kif tibda d-djalogu. Mur f'postijiet fejn in-nies joħolqu dak id-djalogu. Dan huwa bħal meta taqbad tpaċpaċ fuq l-istejġ waqt li tistenna tal-linja. Oħloq sitwazzjonijiet li jippermettu d-djalogu."*

— Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

## Rakkomandazzjoni 2

### Insiru nafu l-kuntest tagħna

Aħna ma ngħixux ġo vakwu. Il-komunitajiet iġibu magħhom kuntest usa' – kuntest fiżiku, soċjali u politiku bi ħtiġijiet u sfidi speċifiċi li qatt ma jistgħu jiġu injorati. Il-fehim taċ-ċirkustanzi partikulari li ċertu kuntest ikun għaddej minnhom huwa kruċjali biex niżguraw prattika sostenibbli. Ejjew ukoll inġibu rispett lill-ambjent ta' madwarna billi nadottaw miżuri ġusti u ekoloġiċi.

## Rakkomandazzjoni 3

### Nidentifikaw il-medjaturi komunitarji

Xi drabi, ta' min nikkunsidraw l-involviment ta' intermedjarji li kapaċi jaġixxu bħala medjaturi tal-komunità biex jgħinuna nidentifikaw komunità u biex insiru midħla tan-nies u tal-kuntest. Dawn jistgħu jkunu individwi jew gruppi diġà attivi – bħal kunsilli lokali, gruppi komunitarji, għaqdiet volontarji, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet simili – li jkollhom għarfien tal-komunità u tal-kuntest inkwistjoni għax jgħixu jew jaħdmu fihom jew inkella għax ikollhom xi forma ta' esperjenza.

*"Il-kollaborazzjoni mal-medjaturi tista' tagħti pariri dwar kif tilħaq gruppi ta' nies f'riskju li jisfgħu inviżibbli."*

— Neil Falzon, Kap tas-Segretarjat, PHROM

## Ġnien Naqra Qatra Ecological Reading Garden *(Malta, 2017)*

Organizzat mill-NGO Friends of the Earth u mill-Kulleġġ Maria Regina, Skola Primarja A tal-Mosta – Kindergarten Annexe, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Mosta, l-għan tal-proġett *Ġnien Naqra Qatra* kien li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha fil-Mosta f'inizjattiva ta' ġardinaġġ komunitarju bl-użu ta' metodi kreattivi li jipprovdu tagħlim dwar in-natura u l-produzzjoni tal-ikel. It-tfal ġew involuti f'workshops artistiċi li esploraw id-dinja naturali b'mod alternattiv mentri l-għalliema ngħataw ideat dwar kif jużaw il-ġnien kommestibbli tal-komunità u l-wesgħa tal-qari għal opportunitajiet edukattivi. L-għan aħħari tal-ġnien kien li tinħoloq żona multisensorjali fejn il-membri kollha tal-komunità setgħu jżuru u jipperċepixxu n-natura permezz tas-sensi kollha.

www.foemalta.org/projects/gnien-naqra-qatra/

**ġardinaġġ komunitarju – produzzjoni tal-ikel – multisensorjali – interdixxiplinari – kollaborazzjoni**

Ritratt: Glen Slattery



## inVisible *(Tokjo, 2015–s'issa)*

Permezz ta' interazzjoni ma' proġetti artistiċi u bit-twemmin li l-arti tinsab f'kulħadd kuljum, il-proġett inVisible jaspira li jġib bidliet żgħar li jsawru mill-ġdid lis-soċjetà tagħna filwaqt li jakkomodaw id-differenzi individwali. inVisible joffri spazju kreattiv billi jiżviluppa proġetti u joffri konsultazzjoni esperta għall-iżvilupp tal-komunità, għall-placemaking kreattiv, għall-edukazzjoni u għal sfidi soċjali oħra. L-arti mhix sempliċement l-oġġett tal-apprezzament jew tal-esperjenza tagħna, iżda wkoll mezz u pjattaforma li jgħaqqdu lil kull min inkella jibqa' mifrud, li jespandu x-xefaq tal-immaġinazzjoni tagħna u li joffrulna perspettiva alternattiva u l-possibbiltà li naħsbu, inwettqu u nkunu fid-dinja; fi kliem ieħor, veikolu li jagħmel l-inviżibbli viżibbli.

www.invisible.tokyo

**placemaking – interazzjoni – rakkonti – il-ħajja ta' kuljum – sens ta' umoriżmu**

Tsumuki Project – Weaving Voices (2018); ritratt: Shinya Kogure



## SUĠĠERIMENT

Li nsiru nafu lill-Komunitajiet u l-Kuntest tagħna jgħinna niżviluppaw relazzjonijiet aktar profondi ma' udjenzi eżistenti u jgħinna wkoll nattiraw udjenzi ġodda.

## Nagħsbu ftit

Ma' min nixtiequ nitkellmu?

Hija komunità żgħira jew kbira?

X'inhuma l-interessi tal-membri tal-komunità?

Fejn jgħixu?

Liema spazji jiffrekwentaw?

X'jaqraw u jaraw?

Hemm xi membri ġodda?

Hemm xi tħassib soċjali, ambjentali jew politiku kurrenti?

# 4B. ĦADDAN

It-tħaddin tad-diversitajiet tagħna kapaċi jarrikkixxi l-esperjenzi tagħna. Il-komunitajiet tagħna huma magħmula minn diversità ta' individwi ta' età, sess, etniċità, ħiliet, mezzi, storja u sfond differenti. Ilkoll għandna r-realtajiet differenti u speċifiċi tagħna li jippreżentaw ħtiġijiet u tħassib differenti. L-adozzjoni tad-diversità bħala l-linja gwida u l-element komuni fil-prattika kollha tagħna tista' tgħinna nissieltu kontra rappreżentazzjonijiet sterjotipiċi u nsaħħu l-empatija.

## Rakkomandazzjoni 1

### Meta u fejn ser issir l-attività?

L-għażla taż-żmien u tal-post xieraq, voldieri meta u fejn intellgħu l-avvenimenti kulturali tagħna, kapaċi żżid l-aċċessibbiltà tal-inkontri tagħna. Din teħtieġ minna ċerta akkomodazzjoni raġonevoli, jiġifieri li naġġustaw u nadattaw il-formati tagħna biex il-kuntest tagħna jkun ġust u ekwu għall-bżonnijiet tal-udjenza u tal-prattikanti kulturali.

Id-deċentralizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali li twassal l-arti u l-kultura għand il-komunità, tħeġġeġ l-użu ta' spazji fil-komunità u tqassam il-programmazzjoni tul ħinijiet differenti tista' tegħleb l-ostakli li niltaqgħu magħhom meta ma jkollniex trasport personali, inkunu niddependu mit-trasport pubbliku, ma nifilħux inħallsu taksi u/jew ikollna restrizzjonijiet ta' ħin differenti.

Informazzjoni dwar it-trasport – bħall-iskedi tal-karozzi tal-linja, il-waqfiet rispettivi tagħhom u l-parkeġġi riservati – mogħtija bil-quddiem u, kemm jista' jkun, l-organizzazzjoni ta' trasport speċifiku għall-attivitajiet tagħna kapaċi jtejbu l-aċċessibbiltà.

Għandu mnejn ikollna responsabbiltajiet oħrajn tal-familja, bħall-indukrar ta' wliedna. Il-provvediment ta' servizzi ta' kura tat-tfal jista' jgħinna nilħqu kompromess aħjar u jżid il-parteċipazzjoni.

L-infrastruttura tal-post magħżul hija aspett ieħor li jenħtieġ jiġi ttrattat. L-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' rampi, liftijiet, arranġamenti flessibbli għall-postijiet bilqiegħda, sinjaletika aċċessibbli, distribuzzjoni uniformi tad-dawl, latrini aċċessibbli, spazji sensorji, pjanijiet ta' evakwazzjoni għall-emerġenzi, u l-permess għal annimali t'assistenza jistgħu jiffaċilitaw l-esperjenza tal-mobbiltà tagħna. Dawn l-akkomodazzjonijiet aċċessibbli jibbenefikaw minnhom firxa wiesgħa ta' persuni b'mobbiltajiet diversi – fosthom, iżda mhux biss, nies li jużaw bastun jew siġġu tar-roti, jimbuttaw pushchair u prams jew inkella jġorru tfal jew basktijiet tqal.

Eżempji oħra ta' akkomodazzjoni raġonevoli jinkludu d-direzzjoni ta' udjenzi lejn membri speċifiċi tal-persunal għal kwalunkwe bżonn partikulari, twissijiet dwar kontenut offensiv jew disturbanti, restrizzjonijiet alimentari u djetetiċi u touch tours li jżidu l-interazzjoni bil-mess.

> *"Jekk tgħix fin-Nofsinhar, ikollok tuża t-trasport pubbliku. It-teatru jibda fid-disgħa ta' filgħaxija u għalhekk ma tista' qatt terġa' lura d-dar b'tal-linja. Allura tispiċċa ma tmur xejn. Ma nistgħux nippretendu li n-nies jaqbdu taksi."*
>
> — Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

*"Nużaw it-teatri tar-raħal għall-irħula u r-raħlin rispettivi. Jenħtieġ naħsbu l-ispazji tagħna mill-ġdid – is-swali tal-kunsilli lokali, il-każini tal-baned, l-ispazji tal-iskejjel ..."*

— Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

*"L-espressjonijiet/il-kultura tradizzjonali spiss joħolqu ostakli għall-persuni b'diżabbiltà. Pereżempju, siti ta' wirt kulturali jgħidu li l-affarijiet ma jistgħux jinbidlu għax is-sit jgħodd ħafna snin. Imma, fil-fatt, xorta tista' tkun kreattiv billi tibdel l-affarijiet b'mod illi jirrispetta lis-sit waqt li tagħmlu aċċessibbli għal kulħadd."*

— Amy Camilleri Zahra, Koordinatriċi tal-focus group tal-Persuni b'diżabbiltà

*"L-ostakli fiżiċi (partikularment għall-anzjani bi problemi ta' mobbiltà, iżda wkoll għal adulti żgħażagħ bla trasport personali) jistgħu jingħelbu billi nwasslu l-arti għand il-komunità."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

## Rakkomandazzjoni 2

### Nikkunsidraw il-mezzi ekonomiċi tagħna

Il-mezzi finanzjarji tagħna jistgħu jkunu wkoll fattur illi jxekkel il-parteċipazzjoni u l-espressjoni kulturali tagħna. Bosta attivitajiet kulturali ma jiġġeneraw ebda profitt u jiddependu mill-bejgħ tal-biljetti biex jiffinanzjaw l-ispejjeż tal-produzzjoni u tal-programmazzjoni. L-użu ta' mudelli kummerċjali alternattivi li jippermettu politiki ta' ingress aktar ekwi, bħal prezzijiet tal-biljetti flessibbli u skalati li jħallu lill-parteċipanti jagħżlu skont il-bżonnijiet tagħhom kapaċi jagħmlu l-attivitajiet kulturali tagħna aktar konvenjenti għall-but.

Is-setgħat finanzjarji tagħna jagħmlu parti minn stampa usa'. Jenħtieġ qabelxejn nieħdu ħsieb il-ħtiġijiet bażiċi, bħall-ikel u l-alloġġ, li kapaċi jieħdu l-ewwel prijorità. Barra minn hekk, l-ispejjeż mhumiex biss soċjoekonomiċi. Din mhix biss kwistjoni tal-prezz illi nħallsu biex nattendu avveniment, iżda wkoll tar-rilevanza.

Ejjew nittrattaw ukoll it-taqtigħ illi l-artisti u l-produtturi kulturali jesperjenzaw biex jaqilgħu l-għajxien b'mod sostenibbli mill-arti tagħhom. L-appoġġ u l-promozzjoni ta' spazji tax-xogħol kondiviżi bħala postijiet affordabbli, il-lobbying mal-leġiżlaturi favur bidla sistematika intersettorali, il-provvediment ta' akkomodazzjoni sostenibbli, iż-żieda fil-paga minima, l-implimentazzjoni ta' miżuri favur bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata , kif ukoll il-ġlieda kontra l-ġentrifikazzjoni huma xi eżempji kif intaffu t-tensjonijiet finanzjarji.

*"Il-flus dejjem problema għaż-żgħażagħ. Aħjar jitraħħsu l-prezzijiet milli jingħata stipendju ogħla."*
— Membru fil-focus group taż-Żgħażagħ

*"Naraw li l-għoti ta' skont isir prattika standard kullimkien. Il-finanzi huma problema għall-biċċa l-kbira tal-anzjani."*
*— Membru fil-focus group tal-Anzjani*

*"In-numru tal-VAT huwa ostaklu enormi għalina li qed infittxu ażil. M'għandix numru tal-VAT, allura ma nistax naħdem. Din biċċa kkumplikata."*
— Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

*L-artisti f'Malta jitħabtu qatigħ biex jaqilgħu għajxien sostenibbli mill-arti tagħhom, u ħafna nies lanqas tgħaddilhom minn rashom li jagħtu l-ogħla prijorità lill-arti xħin jagħmlu l-baġits tagħhom jew meta jonfqu l-flus li tant ibatu biex jaqilgħu."*
— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

*"Pereżempju, attivitajiet li jistgħu jixxandru lajv bl-istreaming jistgħu jattiraw individwi li jkollhom diffikultajiet fil-mobbiltà jew li jsibuha bi tqila jieħdu sehem f'interazzjonijiet soċjali għal ħinijiet twal."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

*"In-nanna ma kinitx tipparteċipa jekk l-attività kienet tinvolvi xi teknoloġija ġdida. Għandna naħsbu dwar il-ħtiġijiet tal-grupp inkwistjoni."*

— Dominik Kalweit, Koordinatur tal-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

## Rakkomandazzjoni 3

### Nikkunsidraw il-mezzi diġitali u teknoloġiċi tagħna

Fi ftit xhur biss, il-pandemija globali tal-COVID-19 urietna kif ir-riżorsi diġitali u teknoloġiċi jistgħu jappoġġaw il-parteċipazzjoni u l-espressjoni kulturali. L-istreaming u t-teknoloġiji lajv kapaċi jittrattaw firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' mobbiltà. Meta nagħmlu dan, għandna nirrikonoxxu li mhux kulħadd għandu aċċess għat-teknoloġija jew jippossjedi l-ħiliet meħtieġa. Is-sejbien ta' modi li jipprovdu riżorsi bħal dawn u l-għoti ta' għajnuna lill-membri tal-komunità, speċjalment lill-anzjani, biex jitgħallmu jużaw il-mezzi diġitali jista' jiftaħ tieqa ġdida ta' esperjenzi komuni.

## Rakkomandazzjoni 4

### Insostnu l-identitajiet u l-espressjonijiet tal-ġeneru

Bħal fi sferi oħra tal-ħajja pubblika, id-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri u l-inugwaljanza jinsabu wkoll fis-settur kulturali. Il-provvediment ta' opportunitajiet indaqs, ir-reżistenza kontra opinjonijiet dominanti rigward il-ġeneri, l-evitar tal-isterjotipi u tal-limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni bbażati fuq il-ġeneru, l-għelib ta' sfidi speċifiċi għas-sessi relatati mal-aċċess għal taħriġ tekniku u intraprenditorjali speċjalizzat, kif ukoll l-isfidar tar-rwoli familjali u soċjali patrijarkali kapaċi jgħinuna nsostnu l-identitajiet u l-espressjonijiet individwali tal-ġeneri tagħna kollha.

Bħala produtturi kulturali nistgħu niżguraw li nagħtu prominenza ugwali lid-diversi identitajiet u espressjonijiet tal-ġeneru, filwaqt li nirreżistu l-perspettivi binarji. Pereżempju, inħeġġu lill-mużewijiet biex jiġbru u jikkonservaw xogħlijiet artistiċi maħluqa minn artisti nisa jew artisti mhux binarji daqs xogħlijiet artistiċi maħluqa mill-irġiel. Nistiednu produzzjonijiet televiżivi biex jisfidaw il-"ħarsa maskili". Inħeġġu aktar produzzjonijiet mużikali biex jiċċelebraw in-narrattivi tan-nisa daqs dawk tal-irġiel.

Meta niggarantixxu ambjenti tax-xogħol siguri għal kulħadd u bla fastidju, noħolqu relazzjoni ta' xogħol aktar sana. Meta nħaddnu miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, ngħinu biex jittaffa l-piż sproporzjonat li jġorru n-nisa. Meta nipprovdu programmi ta' taħriġ xierqa, nissuktaw nindirizzaw l-isfidi marbuta mal-ġeneru.

*"L-attivitajiet kulturali għandhom jiżguraw illi l-ispazji tagħhom ikollhom latrini newtrali għall-ġeneru jew, jekk ma jkunux newtrali, l-imwejjed tat-tibdil tal-ħrieqi għandhom jitpoġġew fil-latrini tal-irġiel ukoll."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

*"Fejn jidħol il-ġeneru, għad fadal xi jsir. Għaliex il-qliezet baqgħu assoċjati mas-subien? Jew għaliex is-subien ma jistgħux jilbsu ħwejjeġ roża? Għadhom jintbagħtu ħafna messaġġi ppreġudikati, anke permezz tal-logħob illi jsir fl-iskejjel."*

— Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

## Rakkomandazzjoni 5

### Inlaqgħu l-antik u l-ġdid

Meta nħaddnu żviluppi ġodda, ma jfissirx li nkunu qegħdin inwarrbu kulma hu tradizzjonali. Inkella, il-progress iġib miegħu r-riskju li ċerti setturi kulturali jisfgħu skaduti. "L-antik" u "l-ġdid", "it-tradizzjonali" u "l-kontemporanju" jistgħu jeżistu flimkien u jappoġġaw lil xulxin, minflok wieħed jieħu l-post tal-ieħor. Aħna qabelxejn nifhmu mnejn ġejjin biex imbagħad niżviluppaw esperjenzi ġodda. L-espressjoni kulturali tagħna bl-użu ta' forom tradizzjonali tista' tiġi mmodifikata u influwenzata minn forom aktar ġodda, u viċeversa.

*"Jenħtieġ nifhmu li għal xi wħud it-tradizzjonali huwa iktar importanti, mentri għal xi oħrajn kollox idur mal-kontemporanju. Din hija kwistjoni t'aċċettazzjoni u apprezzament."*

— Dominik Kalweit, Koordinatur tal-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

*"Il-progress ma jfissirx li narmu kulma hu tradizzjonali. Inkella l-ħidma tagħna tkun distruttiva u/jew superfiċjali, iżjed milli ta' ġid għas-settur kulturali. Il-kultura trid tevolvi, filwaqt li tibqa' leali lejn in-natura tagħha. Dan nistgħu narawh biċ-ċar ħafna fis-settur tal-artiġjanat."*

— Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

## Rakkomandazzjoni 6

### Inlaqgħu etniċitajiet differenti

L-identità kulturali tagħna tħaddan realtajiet multipli li jiġu influwenzati minn inkontri diversi – billi niltaqgħu ma' nies minn diversi sfondi etniċi u nżuru postijiet differenti. L-iffukar fuq programm kulturali divers illi jirrifletti din it-taħlita ta' kulturi u li għandu approvazzjoni pubblika aktar viżibbli viżavì espressjonijiet kulturali differenti kapaċi jgħinu fit-titjib tal-esponiment u tal-integrazzjoni.

*"Jenħtieġ li dan ikun approċċ ta' programm illi jgawdi l-approvazzjoni tal-istituzzjonijiet ewlenin. Pereżempju, li fis-sajf ikun hemm xahar sħiħ iddedikat għal kulturi oħra – b'tema Afrikana, b'tema tal-Asja tax-Xlokk, eċċ. – permezz ta' drammi, prestazzjonijiet, seminars, workshops, minflok attivitajiet ta' darba fil."*

— Neil Falzon, Kap tas-Segretarjat, PHROM

*"Għandha ssir enfasi aktar qawwija fuq l-ilħiq tan-nies fil-komunitajiet tal-migranti, tar-refuġjati u tal-minoranzi, anke fiċ-ċentri tal-akkoljenza u fiċ-ċentri miftuħa, biex l-individwi jingħataw l-opportunitajiet fl-arti u fil-kultura."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

## Rakkomandazzjoni 7

### Nilħqu bilanċ

Id-diversitajiet tagħna jeħtieġu adattamenti differenti. Waqt li ninkludu u nadattaw għal gruppi komunitarji differenti, ejjew noqogħdu attenti li ma nenfasizzawx iżżejjed u nidħlu fis-sogru li neskludu lill-istess gruppi. Din hija wkoll kwistjoni li nilħqu bilanċ. L-avvenimenti għandhom ikunu kemm jista' jkun inklużivi, iżda jista' jkun hemm żminijiet meta jagħmel iktar sens li jsiru attivitajiet għal gruppi speċifiċi. Min-naħa l-oħra, ikun ukoll ta' benefiċċju li xi drabi nħaddnu approċċ maħsub għal komunitajiet imħalltin bejn, ngħidu aħna, żewġ gruppi komunitarji – approċċ interġenerazzjonali li jikkollabora kemm mal-adulti akbar fl-età kif ukoll mat-tfal żgħar jista' jkun eżempju tajjeb ta' dan l-approċċ.

L-indirizzar ta' gruppi speċifiċi differenti jeħtieġ metodi differenti. Avviż sempliċi bħal, pereżempju, "it-tfal merħba bihom" jew "l-attività tagħna tinkludi materjal għall-adulti" kapaċi jgħinu lill-membri tal-komunità jiddeċiedu jekk ċerta attività tkunx aċċessibbli għalihom. Bl-istess mod, l-adolexxenti, iż-żgħażagħ u l-anzjani jridu jidentifikaw ruħhom mal-offerti kulturali mressqa lilhom.

*"L-arti komunitarja li tiffoka fuq l-anzjani xi drabi tkun patronizzanti wisq. M'għandniex nippatronizzaw lill-anzjani. Aħna persuni adulti, m'aħniex tfal."*

— Membru fil-focus group tal-Anzjani

*"Nibża' nidher fil-pubbliku, l-iżjed meta d-diżabbiltà tiġi enfasizzata żżejjed ... M'għandniex inpoġġu persuna b'diżabbiltà f'post differenti. Għandna nħalltuhom mal-udjenza preżenti."*

— Membru fil-focus group tal-Persuni b'diżabbiltà

### Gawgaw — A Panto in the Dark *(Malta, 2018)*

Il-Pantomima tal-Milied hija tradizzjoni annwali għal ħafna familji Maltin. Madankollu, mhux ħafna jieqfu jistaqsu kemm tassew din hija attività aċċessibbli. Imtella' minn Teatru Malta bl-appoġġ ta' ESPLORA Interactive Science Centre u tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, il-proġett *Gawgaw – A Panto in the Dark* jittratta sewwasew din il-mistoqsija u joffri l-esperjenza tal-pantomima lil udjenza b'insuffiċjenza fil-vista. L-għan kien li jinħoloq spettaklu fejn kull persuna fl-udjenza, sew jekk b'vista batuta u sew jekk le, ikollha l-istess esperjenza – prestazzjoni fi dlam ċappa. F'ħidma ma' persuni b'insuffiċjenza fil-vista nħolqot pantomima sensorjali maġika msejsa fuq il-figura mitika Maltija tal-Gawgaw – fatat mostruż li jimraħ 'l hawn u 'l hemm ibeżża' lin-nies f'lejliet il-Milied.

teatrumalta.org.mt/events/pantomima-fid-dlam/

**aċċessibbiltà – diż/abbiltà – maġika – sensorjali – intersettorali**

Ritratt: Darren Agius



## The Mothership Project *(Irlanda, 2013–s'issa)*

The Mothership Project huwa netwerk ta' artisti viżivi u ħaddiema fl-oqsma artistiċi Irlandiżi li għadhom qed irabbu t-tfal. Il-proġett għandu l-għan li jappoġġa 'l dawn l-artisti fl-iżvilupp tal-prattika tagħhom u li jħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet artistiċi biex jagħmlu d-dinja tal-arti post aktar inklużiv għall-artisti bit-tfal. Sa mill-istadji inizjali tiegħu, il-proġett ospita diversi workshops u diskussjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-perċezzjoni tal-artisti ommijiet, partners part-time versu partners full-time, il-viżibbiltà, il-ħin, il-prekarjetà, il-kwalità tax-xogħol, istituzzjonijiet tal-arti patrijarkali, il-ftuħ tal-galleriji u t-tfal, ġenituri artisti rġiel u l-maternità versu l-paternità.

www.themothershipproject.wordpress.com

**trobbija tat-tfal – xogħol – prekarjetà – ugwaljanza – alternattiva**

It-tnedija tal-pubblikazzjoni The Mothership Project – Satellite Findings, 2018



## SUĠĠERIMENT

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jippreżentaw tfakkiriet prattiċi u loġistiċi. Maż-żmien, dawn għandhom kulma jmur isiru parti naturali u evidenti mill-ippjanar, mill-organizzazzjoni u mill-ħolqien kollu fil-prattika tagħna.

## Naħsbu ftit

X'tipi ta' akkomodazzjonijiet jeħtieġu l-membri tal-komunità tagħna?

Liema mudelli finanzjarji oħra nistgħu nikkunsidraw?

Il-membri tal-komunità tagħna jużaw mezzi diġitali? Kif nistgħu ngħinuhom?

L-attività tagħna hija ppreġudikata favur identità jew espressjoni tal-ġeneru waħda biss?

X'nistgħu nitgħallmu minn formati aktar tradizzjonali/kontemporanji?

Kif nistgħu nikkollaboraw ma' kulturi etniċi diversi?

Il-prattika tagħna tippatronizza 'l xi grupp komunitarju?

# 4C. IĊĊARA

Meta niċċaraw l-intenzjonijiet tagħna fil-bidu ta' proġett, programm, workshop jew avveniment inkunu nistgħu nwittu t-triq għal kollaborazzjonijiet li jagħmlu suċċess. Membri differenti tal-komunità jistgħu jinterpretaw l-istess messaġġ b'modi differenti. Għaldaqstant, jekk nitilqu b'għarfien komuni, nkunu kapaċi negħlbu kwalunkwe malintiż possibbli li jista' jinqala' matul il-proċess.

## Rakkomandazzjoni 1

### Nikkomunikaw għanijiet ċari

L-iżgurar ta' skop ċar flimkien ma' sett ta' objettivi ċari jista' jiffaċilita l-fehim tal-prattika tagħna u jinvolvi lill-komunitajiet tagħna aħjar. Għalhekk dawn l-għanijiet mhumiex importanti biss għall-ippjanar, għall-programmazzjoni jew għat-tiftix tal-fondi, iżda wkoll għall-membri tal-komunità biex dawn jivvalutaw jekk ikunux tassew rilevanti għalihom. Għal din ir-raġuni, objettivi li jitwasslu lill-udjenzi b'diskors magħżul bir-reqqa u bla wisq tidwir mal-lewża jinftiehmu aħjar.

*"L-aċċessibbiltà mhix xi perkaċċ jew benefiċċju. Lanqas mhi xi ħaġa lil hinn mill-meħtieġ; hija standard normali."*

— Neil Falzon, Kap tas-Segretarjat, PHROM

*"Biex naċċessaw xi ħaġa jenħtieġ inkunu konxji minnha, mill-benefiċċji tagħha, mill-objettiv li jkollha u mir-rilevanza tagħha għal ħajjitna."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

## Rakkomandazzjoni 2

### L-onestà kruċjali, ir-rispett xejn inqas

Il-membri tal-komunità kapaċi jressqu mistoqsijiet ġodda li jistgħu jeħtieġu aktar kjarifiki. Jekk nallokaw spazju u ħin għal sessjonijiet MuT fl-istadji inizjali tal-proċess kreattiv inkunu nistgħu niċċaraw mistoqsijiet bħal dawn. Fit-tweġib għal dawn il-mistoqsijiet l-onestà hija kruċjali u ma jkun ġara xejn jekk xħin isiru dad-domandi ma jkollniex risposti. Anke dan il-fatt jista' jiġi kkomunikat. Dan la jkun sinjal ta' traskuraġni u lanqas ta' nuqqas ta' tħejjija. Anzi, dan kapaċi jiżvela l-ħtiġijiet u x-xewqat tal-membri tal-komunità u jista' jgħinna nirfinaw il-pjanijiet. Iktar importanti minn hekk, fuq kollox hawnhekk jaqbel li ma nwiegħdu xejn li forsi ma nkunux f'qagħda li nwettqu.

Il-preżentazzjoni tal-objettivi tagħna b'mod sensittiv kapaċi tgħinna nżommu approċċ miftuħ u orizzontali.

*"Ħadd ma jieħu gost jiġi ppatronizzat. Hemm mod u mod kif tindirizza 'l xi ħadd. Li tgħid 'għandi xi ħaġa għalik u ser nurik kif tagħmilha' huwa differenti milli tgħid 'naf b'xi ħaġa tajba li nixtieq nurik ħalli nara x'jidhirlek ...' Din tal-aħħar tpoġġi l-proposta bi żvolta differenti għalkollox: tistieden iżda ma tippatronizzax."*

— Ruth Farrugia, Koordinatriċi tal-focus groups tat-Tfal u l-Adolexxenti

## SUĠĠERIMENT

L-objettivi jistgħu jsiru aktar inklużivi u aċċessibbli meta niżviluppawhom b'kollaborazzjoni mal-gruppi tal-komunità tagħna.

## Naħsbu ftit

X'inhuma l-objettivi tal-prattika tagħna?

X'nixtiequ niksbu?

Kif jistgħu jibbenefikaw il-gruppi tal-komunità?

X'riżultati nixtiequ naraw fil-ġejjieni mbiegħed?

**Rakkont Ħaj** *(Malta, 2017)*

Grupp ta' żgħażagħ mill-Kummissjoni WEB fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba ddokumentaw il-memorja u l-istorja lokali kif ukoll ġrajjiet li ġraw fl-imgħoddi billi intervistaw għadd ta' anzjani. Ingħatat importanza partikulari lil-logħob tradizzjonali, lill-industrija tal-barrieri tal-ġebel, lil-logħob tan-nar u lill-organizzazzjoni tal-festi tal-komunità, li huma sinonimi mar-raħal, mat-tbatija mġarrba matul it-Tieni Gwerra Dinjija u mal-passatempi tal-passat. L-għan tal-proġett kien li jsaħħaħ u jżid l-għarfien dwar il-wirt lokali tanġibbli u intanġibbli. Iż-żgħażagħ ħadu ħsieb l-intervisti, id-dokumentazzjoni vidjografika u l-editjar. Is-sensiela finali tal-filmati ġiet ippreżentata online permezz ta' playlist.

www.youtube.com/playlist?list=PLZ00aJfq3uFZX0cSJ4ZqKT9SN8dWX9ixA

**tradizzjoni – memorja – narrattivi – wirt lokali – interġenerazzjonalità**

Il-Kummissjoni WEB waqt intervista ma' furnar lokali tradizzjonali;
ritratt: Kummissjoni WEB



## The Belonging Project *(San Francisco Bay Area, 2018–2019)*

Permezz ta' workshops u sejħiet miftuħa, l-artista Christine Wong Yap stiednet lil dawk li kellhom xi konnessjoni sinifikanti ma' San Francisco Bay Area biex jaqsmu l-istorja tal-appartenenza tagħhom billi jirreferu għal postijiet, attivitajiet, komunitajiet u esperjenzi kruċjali li sawru l-konnessjoni tar-residenti ta' Bay Area mal-viċinat. Il-kontributuri tkellmu dwar il-postijiet fejn ħassew jew baqgħu jħossu sens ta' appartenenza u mbagħad tfakkru 25 lok b'ċertifikati miktuba bl-idejn li twaħħlu fuq il-post. Oħrajn tħaddtu dwar kif iġorru magħhom sens ta' appartenenza u t-tweġibiet tagħhom ispiraw sitt bandani stampati bl-idejn. Kull storja enfasizzat ċerti kwalitajiet ta' appartenenza, bħall-awtonomija, is-sikurezza, it-tifsir, l-istima personali u l-benessri. Dawn l-istejjer inġabru u ġew ippubblikati wkoll fi ktieb.

www.christinewongyap.com/work/2019/belonging-bay-area/

**appartenenza – interkonnessjoni – aċċettazzjoni – viċinat – parteċipazzjoni**

Ċertifikat ta' Appartenenza, 2019, imwaħħal fuq il-post f'kafè f'Oakland; ritratt: Christine Wong Yap





*"Meta dejjem naqilbu għall-Ingliż, inħallu impatt ħażin fuq it-tradizzjonijiet tagħna. Jenħtieġ nippreservaw l-ilsien Malti."*

— Membru fil-focus group tal-Persuni attivi fil-kultura tradizzjonali

*"Il-lingwa kapaċi ttellef ukoll. Jekk attività ssir bil-Malti biss, ma tħajrekx – għax ma tkunx tista' tikkomunika."*

— Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

*"M'għandniex nassumu li l-Ingliż jifhmu kulħadd."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

*"Aċċessibbiltà aktar adegwata, kemm fiżika kif ukoll attitudinali, tinkludi bosta lingwi, bħal-lingwa tas-sinjali u s-sinjaletika tal-Braille."*

— Rappreżentanti tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali

# 4D. IKKOMUNIKA

Li nikkomunikaw hija ħtieġa bażika oħra tagħna l-bnedmin. Bl-għoti u bl-iskambju tal-informazzjoni nħossuna parti minn grupp akbar u usa' – komunità. Aħna lkoll uniċi u nikkomunikaw b'modi differenti. Għandna tendenza nużaw varjetà ta' kanali ta' komunikazzjoni, dejjem abbażi tal-ħtiġijiet, tal-mezzi u tal-preferenzi differenti tagħna.

## Rakkomandazzjoni 1

### Nagħżlu l-lingwa tagħna

Xi wħud jippreferu jikkomunikaw bil-Malti, mentri oħrajn jippreferu l-Ingliż. Ejjew inżommu f'moħħna li, bħala Stat bilingwi, għandna żewġ ilsna uffiċjali: il-Malti u l-Ingliż. Barra minn hekk, fl-2016 il-Parlament Malti rrikonoxxa wkoll il-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM) bħala lingwa uffiċjali ta' Malta.[19] Billi nsiru nafu liema lingwa l-aħjar nużaw u meta – dejjem skont il-preferenza tal-grupp li qed niffukaw fuqu – niffaċilitaw il-komunikazzjoni tagħna.

L-akkomodazzjoni lingwistika raġonevoli toħloq ukoll kuntest aktar ekwu għall-persuni b'diżabbiltà. Minbarra l-interpretazzjoni tal-lingwa tas-sinjali, nistgħu nikkunsidraw ukoll il-Braille, deskrizzjonijiet awdjo u sottotitoli kriptati.

[19] Tista' ssib aktar tagħrif fuq is-sit web tal-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, www.deafmalta.com/maltese-sign-language-lsm.html

Kull sforz biex, kemm jista' jkun, nużaw dawn il-lingwi b'mod simultanju jiġi dejjem apprezzat. B'hekk, il-mezzi ta' komunikazzjoni tagħna (posters, stediniet, bullettini, brochures, flyers, filmati, programmi, katalgi, formoli tal-prenotazzjoni, formoli tal-kunsens, siti elettroniċi u paġni tal-midja soċjali) isiru aktar aċċessibbli u inklużivi.

## Rakkomandazzjoni 2

### Nagħżlu l-Kanali tal-Komunikazzjoni tagħna

Nistgħu naqsmu l-informazzjoni fuq tipi differenti ta' pjattaformi u f'formati differenti. F'dawn l-aħħar snin, il-pjattaformi diġitali saru dejjem iżjed preżenti. Dan mhux bilfors qiegħed jieħu post formati oħra bħall-komunikazzjoni stampata (eż. gazzetti, ittri mibgħuta bil-posta) jew il-komunikazzjoni orali (eż. programmi radjufoniċi u televiżivi, telefonati). Meta nagħmlu l-informazzjoni disponibbli permezz ta' formati differenti, nilħqu udjenza usa'.

*"Programmi ta' taħriġ fl-innovazzjoni tal-prodott kif ukoll fil-merchandising u fil-kummerċjalizzazzjoni viżiva – inklużi l-mezzi diġitali – huma importanti ħafna."*

— Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

*"Jekk inkunu qed infittxu udjenza speċifika, għandna nirriċerkaw u nużaw is-sors ta' informazzjoni li tippreferi dik l-udjenza. Kull informazzjoni rilevanti trid tkun sinkronizzata u konsistenti fil-pjattaformi kollha: is-siti elettroniċi tal-organizzazzjoni, il-kontijiet tal-midja soċjali, l-emails promozzjonali u l-bqija."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

## Rakkomandazzjoni 3

### Nadattaw il-lingwa tagħna

L-informazzjoni titwassal l-aħjar meta tkun konċiża u diretta. L-għoti ta' ħafna tagħrif f'daqqa kapaċi jinħass peżanti żżejjed, l-iżjed fl-istadji tal-bidu. Jekk naqsmuha f'partijiet iżgħar tkun tappella aktar. L-adattament tal-lingwa tagħna skont il-bżonnijiet tal-membri tal-komunità jimplika wkoll għażla bir-reqqa tat-terminoloġija użata.

> *"Il-lingwa kapaċi tkun interessanti ħafna. Tista' titħaddem b'mod tassew kreattiv. Għandna nikkomunikaw b'lingwa li l-grupp iħossu komdu biha."*
>
> — Dominik Kalweit, Koordinatur tal-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

## Rakkomandazzjoni 4

### Aħjar stampa minn elf kelma

Ma naqrawx biss il-kliem, naqraw ukoll l-istampi. Kultant iktar faċli tiftakar stampa milli ħafna kliem. L-għażla ta' immaġni xierqa li tirrifletti u twassal il-messaġġ, kapaċi toħloq komunikazzjoni aktar effettiva. Test miktub jista' wkoll jappella aħjar għall-qari viżiv meta noqogħdu attenti li nagħżlu stil u daqs ta' tipa xierqa u spazjar adegwat bejn il-linji.

> *"Uża format li faċli jinqara: ftit sentenzi qosra u immaġni."*
>
> — Amy Camilleri Zahra, Koordinatriċi tal-focus group tal-Persuni b'diżabbiltà

**Larinġa Mekkanika** *(Malta, 2019)*

Imtellgħa minn Teatru Malta u kkummissjonata minn ŻiguŻajg (il-Festival Internazzjonali tal-Arti għat-Tfal u ż-Żgħażagħ), din il-produzzjoni teatrali stil in-your-face għaż-żagħżagħ hija miżgħuda bid-delinkwenza minn minorenni u gajjiet adolexxenti f'kuntest ta' ġejjieni kważi distopiku. *Larinġa Mekkanika* hija adattament bil-Malti minn Wayne Flask tar-rumanz klassiku ta' Anthony Burgess *A Clockwork Orange*, li tressaq quddiemna temi ġuvenili peżanti u emozzjonali bħall-bullying, l-awtomutilazzjoni, id-drogi, il-vjolenza, l-identitajiet tal-ġeneru kif ukoll kwistjonijiet soċjopolitiċi u ekonomiċi oħra li għadhom rilevanti ħafna fi żmienna.

teatrumalta.org.mt/events/laringa-mekkanika-ta-anthony-burgess/
www.ziguzajg.org/project/laringa-mekkanika/

**Ġen Ż – vulnerabbiltà emozzjonali – vjolenza – empatija – adattament**

Ritratt: Lindsey Bahia



## Pidgin Tongue *(Riga, 2018)*

L-artista Stine Marie Jacobsen stiednet grupp ta' tfal f'Riga għal ġimagħtejn workshop kollaborattiv ta' kitba esperimentali u multilingwi fejn l-ilsna materni ġew mifruda, imwaħħda flimkien mill-ġdid u mbagħad ittrasformati f'ilsna omm (tar-rispett)/imħalltin ġodda permezz ta' traduzzjoni ta' idjomi, bidla ta' kliem u regoli ġodda. L-artista stiednet lit-tfal jerġgħu jeżaminaw ir-relazzjoni tagħhom kemm mal-lingwa Latvjana kif ukoll ma' dik Russa biex joħolqu dizzjunarju għal lingwa ġdida. Permezz ta' proċess kokreattiv, il-proġett ħoloq ambjent fejn it-tfal kienu ħielsa jinteraġixxu u jagħtu tifsira u forma lill-ħolm, lill-biżgħat u lit-tamiet tagħhom filwaqt li jriffdu t-talba tagħhom favur ġejjieni għall-kultura Latvjana. L-eżiti ta' dan il-proġett ġew ippubblikati fi ktieb u sawru wkoll skultura interattiva maħduma kollaborazzjoni kokreattiva.

www.stinemariejacobsen.com/pidgin-tongue/

**lingwa – drittijiet tal-bniedem – stħajjil ta' ġejjieni possibbli – logħob – kokreazzjoni**

Paġna doppja mill-ktieb Pidgin Tongue, iddisinjat minn Modem Studio u ppubblikat minn Broken Dimanche Press.



## SUĠĠERIMENT

Il-Komunikazzjoni hija proċess bidirezzjonali. Dawk li jibagħtu l-informazzjoni u dawk li jirċevuha ma jkunux fi truf opposti. Anzi, dawn it-tnejn jistgħu jagħtu informazzjoni 'l xulxin.

*"L-għarfien tal-lingwa jżid is-sens t'appartenenza. Meta tkun taf il-lingwa, tmur fejn tmur, tkun parti minn dik il-kultura."*

— Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

## Nagħsbu ftit

Liema lingwa jużaw/jippreferu l-membri tal-Komunità tagħna?

Liema kanali ta' komunikazzjoni jużaw il-membri tal-Komunità tagħna?

Il-membri tal-Komunità għandhom preżenza fuq xi pjattaforma tal-midja soċjali?

It-test jista' jiġi mqassar jew ippreżentat f'termini aktar diretti?

Liema immaġni tirrifletti l-aħjar il-messaġġ tagħna?

It-tipa tinqara tajjeb minn kulħadd?

# 4E. INVOLVI

**Matul dawn l-aħħar 50 sena ta' ħidma artistika u kulturali, l-involviment tal-membri tal-komunità ġie diskuss kullimkien b'mod wiesa'. Madankollu, f'dar-rigward mhux kulħadd jifhimha l-istess. Dan ħoloq ċerta konfużjoni fit-termini użati, tant li ħafna drabi nfixklu wieħed mal-ieħor. Fost dawn insibu "arti parteċipattiva", "prattika impenjata fil-livell soċjali", "arti komunitarja" u "kokreazzjoni". Dawn huma biss ftit minnhom.**

Biex id-diskors tagħna jkun ċar, għall-fini ta' dan il-manwal nistgħu nirreferu għad-distinzjoni li jagħmel l-artist komunitarju François Matarasso bejn "arti parteċipattiva" u "arti komunitarja". Fl-aħħar ktieb tiegħu, *A Restless Art – How participation won and why it matters* (2019), jispjega: li t-terminu "arti parteċipattiva" jirreferi għal attività li tistieden lin-nies jissieħbu f'esperjenza diġà ddefinita. Min-naħa l-oħra, "arti komunitarja" hija esperjenza maqsuma u kollettiva li tgħaqqad lin-nies flimkien biex jiddiskutu ċerti objettivi u t-triq 'il quddiem. Għaldaqstant, ma jkun hemm ebda eżitu finali ddefinit minn qabel. Għalkemm id-differenza bejn dat-tnejn hija pjuttost sottili, metodoloġiji differenti jenħtieġ ikollhom relazzjonijiet differenti mal-komunitajiet: fl-"arti komunitarja" in-nies jikkooperaw u jikkreaw flimkien bħala parteċipanti ugwali.

Nistgħu nesploraw diversi metodoloġiji u saffi ta' proċessi ta' involviment. Intant, prattikanti u teoristi differenti ser jagħtuna mudelli differenti. Filwaqt li nżommu f'moħħna d-distinzjoni ta' Matarasso, nistgħu nagħrfu xi aspetti

simili f'dawn l-erba' saffi ta' parteċipazzjoni li ppropona l-edukatur u artist viżiv u tal-performance art Pablo Helguera fil-ktieb tiegħu *Education for Socially Engaged Art – A materials and techniques handbook* (2011).

> *"Involvi, aħseb b'mod inklużiv, oħloq kuntest għal esperjenzi personali u ara li persuni oħra jistgħu jesprimu ruħhom f'kuntest bħal dan."*
>
> — Membru fil-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

## Rakkomandazzjoni 1

### Parteċipazzjoni nominali

Bħala membri tal-komunità, nirriflettu fuq ix-xogħol artistiku u kulturali bħala spettaturi b'attitudni passiva u distakkata. Dan nagħmluh, pereżempju, meta nżuru xi wirja jew naraw xogħol teatrali. Il-fatt li l-forma tal-arti ġġagħalna nirriflettu hija għamla ta' parteċipazzjoni fiha nfisha, iżda madankollu xorta ma nkunux involuti fil-proċessi tal-ippjanar u tal-kreazzjoni. Dan spiss jinvolvi inkontru ta' darba waħda biss.

## Rakkomandazzjoni 2

### Parteċipazzjoni faċilitata

Bħala membri tal-komunità, niġu mistiedna nagħmlu – wara sensiela ta' istruzzjonijiet – attività bażika li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' xogħol usa' u akbar. Eżempju ta' dan jista' jkun meta nintalbu nħallu messaġġ miktub fuq sticky notes rigward tema speċifika. Dan spiss jinvolvi wkoll inkontru wieħed.

> *"Aħna rridu nkunu wkoll fuq il-palk, mhux biss fl-udjenza."*
>
> — Membru fil-focus group tal-Persuni b'diżabbiltà

## Rakkomandazzjoni 3

### Parteċipazzjoni Kreattiva

Bħala membri tal-komunità nikkontribwixxu tassew fl-attività billi nipprovdu kontenut għall-ħolqien tax-xogħol jew għal xi parti minnu, skont kif iddefinit minn qabel mill-artisti. Bħala eżempju, nistgħu nsemmu l-parteċipazzjoni ta' grupp komunitarju li jdoqq bħala parti minn kunċert mużikali. Ħafna drabi, dan jinvolvi impenn għal żmien itwal.

## Rakkomandazzjoni 4

### Parteċipazzjoni Kollaborattiva

Hawnhekk, bħala membri tal-komunità, inkunu involuti fit-tfassil u fl-iżvilupp tal-prattika kreattiva. Għaldaqstant naqsmu r-responsabbiltà tad-definizzjoni tal-objettivi, tat-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-ippjanar u tal-organizzazzjoni tat-triq 'il quddiem kif ukoll noħolqu kontenut għax-xogħol. F'dal-każ inkunu lkoll kokreaturi. Għalhekk inkunu parteċipanti ugwali b'mod simili għal kif Matarasso jiddefinixxi l-"arti komunitarja". Dan jeħtieġ minna impenn għal żmien itwal, minn xhur sa snin.

*"Li żżur mużew u tagħmlu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà hija ħaġa tajba, imma [li] tmur pass oltre billi tistedinhom jiġu jikkuraw il-wirja miegħek ikun ħafna aħjar. Trid tagħmilhom parti mill-kumitat organizzattiv."*

— Amy Camilleri Zahra, koordinatriċi tal-focus group tal-Persuni b'diżabbiltà

*"Mur pass lil hinn mill-prestazzjonijiet, l-avvenimenti u l-bqija dwar dik it-tema jew l-oħra. Imma pprova involvi lin-nies bħala parteċipanti attivi fl-attività nfisha."*

— Neil Falzon, Kap tas-Segretarjat, PHROM

*"L-aħjar mod biex tiżgura li l-messaġġ tiegħek tassew jasal huwa li fil-fatt ikollok il-membri tal-udjenza mira preżenti miegħek matul il-proċess kreattiv. Jekk, pereżempju, ċerta rappreżentazzjoni teatrali tfittex l-attenzjoni tal-adolexxenti, ikkunsidra rappreżentazzjoni preliminari għal focus group t'adolexxenti (Ġen Ż). Itlobhom jagħtuk kummenti onesti."*

— Désirée Attard, Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem

## Opening Doors Association *(Malta, 2008–s'issa)*

Opening Doors Association hija organizzazzjoni volontarja u mhux governattiva tal-arti li tipprovdi opportunitajiet fis-settur artistiku lil adulti b'diżabbiltajiet intellettwali. Il-gruppi varji tagħha jiltaqgħu kull ġimgħa biex jitħarrġu fl-arti tal-ispettaklu, jiġifieri fit-teatru, fiż-żfin u fil-mużika. Opening Doors tipproduċi wkoll prestazzjonijiet u torganizza open-air jams b'artisti li jiżviluppaw xogħol kreattiv flimkien mat-tim artistiku tagħha. L-aċċess għall-arti u għall-espressjoni artistika huwa dritt ta' kull persuna b'diżabbiltà u Opening Doors għandha proprju l-missjoni li tippromwovi u tikseb dan il-jedd.

www.openingdoors.org.mt

**aċċessibbiltà – diż/abbiltà – proċess kreattiv – taħriġ artistiku – kokreazzjoni**



## **SUPERTRAMPS** *(Vjenna, 2015–s'issa)*

SUPERTRAMPS hija intrapriża soċjali li taħdem ma' persuni (li qabel kienu) bla dar biex tgħinhom jaqsmu l-esperjenzi individwali tagħhom b'dinjità, b'awtonomija u b'awtodeterminazzjoni. Permezz ta' passiġġati ta' 90 minuta fi Vjenna, kull gwida ta' SUPERTRAMPS twassal lin-nies lejn naħa differenti u moħbija tal-belt, fi nħawi stramani. Il-gwidi jenfasizzaw punti emblematiċi speċifiċi li jirrappreżentaw tifsiriet personali u simboliċi. F'postijiet magħżula bir-reqqa, il-gwidi jgħaqqdu l-għarfien dwar il-persuni mingħajr dar mal-istejjer personali tagħhom. Aneddoti, fatti sorprendenti, diskussjoni, il-ħajja tipika Vjenniża, filosofija, ħolm u kemxejn umoriżmu huma wħud mill-elementi ta' dawn il-mixjiet.

www.supertramps.at

**persuni mingħajr dar – mixi – belt – perspettivi ġodda – rakkonti**

Ritratt: Reinard Nadrchal



## SUĠĠERIMENT

Metodu wieħed ta' involviment mhux bilfors ikun aħjar mill-ieħor. Il-bżonnijiet u x-xewqat tal-Komunitajiet tagħna jistgħu jgħinuna nagħżlu l-metodu xieraq.

## Naħsbu ftit

X'jitolbu l-Komunitajiet tagħna?

X'inhuma l-intenzjonijiet tagħna?

Kemm għandna ħin disponibbli?

X'tip ta' spazji u postijiet nistgħu nużaw?

Liema riżorsi għandna disponibbli?

# 4F. IKKOLLABORA

Il-kollaborazzjoni tippermettilna naħdmu flimkien biex noħolqu, nipproduċu jew niksbu l-istess għanijiet u objettivi. Meta naħdmu b'mod kollaborattiv inkunu nistgħu nindirizzaw u ninteraġixxu ma' udjenza usa', naċċessaw aktar riżorsi u nagħmlu differenza akbar. Kollaborazzjonijiet illi jagħmlu suċċess jeżiġu l-qsim ta' rwoli u responsabbiltajiet u l-kompetenzi – akkademiċi, soċjali, empiriċi, organizzattivi u oħrajn imsejsa fuq il-komunità – ikunu lkoll importanti daqsinsew.

## Rakkomandazzjoni 1

### Naqsmu l-ħiliet tagħna

Ilkoll kemm aħna neċċellaw f'oqsma u f'setturi differenti, dejjem skont l-esperjenza, l-istudji u l-professjoni tagħna. Dawn id-differenzi fl-għarfien tagħna b'ebda mod mhuma sinjali ta' intelliġenza superjuri jew inferjuri. Anzi, il-qsim tal-ħiliet tagħna jiffaċilita t-tiswir ta' prattika aktar olistika, fejn għadd bla tmiem ta' direzzjonijiet – li jistgħu jkunu diverġenti, iżda intant kumplimentari – jipprovdulna perspettivi multipli dwar kif nittrattaw l-istess kwistjoni, tema jew kunċett u/jew dwar kif insolvu problema.

> *"Għandna nħeġġu l-kollaborazzjoni ... din tixpruna l-innovazzjoni ... L-amalgamazzjoni tal-ħiliet tagħna lkoll tappoġġa [lil dawk kollha involuti]. Madankollu dan jirrikjedi r-rispett u l-fiduċja reċiproka. Ħadd ma jista' jaħseb kollox. L-oħrajn jeħtieġu lilek daqskemm int teħtieġ lilhom."*
>
> — Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

## Rakkomandazzjoni 2

### Nissieħbu ma' oħrajn

L-adozzjoni ta' approċċ orizzontali u intersettorali wiesa' permezz ta' sħubiji ma' sħab differenti, inklużi istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, dipartimenti tal-gvern u professjonisti individwali differenti minn diversi oqsma kapaċi jgħinna niżguraw aċċess ekwu għall-ħajja kulturali. Din l-istrateġija għandha tkun responsabbiltà kondiviża u mhux kompitu esklużiv ta' entità waħda biss.

*"Involvi aktar organizzazzjonijiet u konnessjonijiet differenti ma' dipartimenti differenti."*

— Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

*"Għandhom jitħeġġu r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali."*

— Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

*"Il-Kunsilli Lokali għandhom rwol importanti fil-preservazzjoni u fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-wirt kulturali tal-lokalità tagħhom."*

— Rappreżentanti tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali

*"Il-ħtieġa li ninfatmu mill-perspettiva tal-kunsinna tal-prodott u li nipprovaw nikkunsidraw is-sħubiji mill-ġdid ... jenħtieġ titrawwem minn età żgħira ħafna."*

— Neil Falzon, Kap tas-Segretarjat, PHROM

## ChaChaChakra *(Malta, 2019–2020)*

*ChaChaChakra* huwa sforz intersettorali minn erba' istituzzjonijiet Maltin differenti – Kopin, Żugraga Dance, Prison Education and Re-Entry Platform tal-Università ta' Malta u ċ-Ċentru tas-Servizzi Restorattivi Residenzjali (CoRRS) tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi – biex jipprovdi lill-priġunieri minorenni residenti fil-CoRRS opportunità li jieħdu sehem attiv f'workshops ta' movimenti fiżiċi. Il-workshops jiffukaw fuq iż-żfin filwaqt li jinkorporaw elementi ta' yoga. Dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jgħinu lill-parteċipanti jiksbu sens ta' awtostima u jrawmu fihom għarfien dwarhom infushom. Il-prattika kreattiva u meditattiva tal-proġett tippermetti li l-parteċipanti jidħlu fi proċess ta' fejqan profond billi tiggwidahom lejn modi ġodda u profondi ta' kif jesprimu s-sentimenti ta' rabja, frustrazzjoni, aljenazzjoni u konfużjoni li jħossu dwar sitwazzjonijiet attwali u mgħoddija.

www.kopin.org/portfolio-items/chachachakra/

**adolexxenti – benessri – ħidma fi grupp – integrazzjoni – intersettorali**

Klassi ta' movimenti fiżiċi ma' priġunieri żgħażagħ ġewwa CoRRS, u ffaċilitata minn Żugraga Dance; ritratt: Mark Chetcuti, għal Kopin



**connect2abilities** *(Awstralja & Korea t'Isfel, 2019–s'issa)*

Il-proġett *connect2abilities* għandu fil-qalba tiegħu l-inklużjoni u l-involviment ta' persuni b'diżabbiltà. Billi "jgħaqqad lin-nies man-nies" permezz tal-espressjoni kreattiva u artistika, dan il-proġett għandu l-għan li jiftaħ djalogu bejn l-Awstralja u l-Korea t'Isfel. Din l-inizjattiva għandha l-intenzjoni li tibni fehim bejn ħaddiema u artisti attivi fl-arti dwar id-diżabbiltà fiż-żewġ pajjiżi u li twitti t-triq għal kollaborazzjonijiet futuri u sħubiji fit-tul. Il-proġett jipprovdi pjattaforma li trawwem impenn u kollaborazzjoni kulturali permezz ta' sensiela ta' simpożji u workshops għall-artisti, kemm b'diżabbiltà kif ukoll le, preżentaturi, akkademiċi u dawk li jfasslu l-politika.

www.connect2abilities.com

**diż/abbiltà – interkulturali – sħubija – inklużjoni – konnettività**

Restless Dance Theatre — Intimate Space, 2017; ritratt: Shane Reid



## SUĠĠERIMENT

Ir-rikonoxximent ta' forom differenti ta' kompetenza huwa l-ewwel pass lejn kollaborazzjonijiet li jagħmlu suċċess.

## Nagħsbu ftit

X'inhuma l-kompetenzi tagħna?

Liema ħiliet m'għandniex?

Min jista' jaqsam magħna dawn il-ħiliet nieqsa?

Liema sħab oħrajn jistgħu jikkontribwixxu?

# 4G. INVESTI

L-investiment tal-ħin u tal-isforzi tagħna jimplika l-użu ta' ħafna enerġija fuq it-twettiq ta' xi ħaġa. Il-ħidma mal-komunitajiet tagħna hija proċess u, għaldaqstant, biex nilħqu għanijietna flimkien bħala tim wieħed neħtieġu l-ħin. Għanijiet differenti u komunitajiet differenti jirrikjedu perjodi ta' żmien differenti. Dan huwa impenn li jwassal għal prattika aktar effiċjenti li kapaċi żżid il-valur tad-differenza li nagħmlu.

## Rakkomandazzjoni 1

### Nibnu l-fiduċja

Biex issib il-kollaboraturi t-tajba u tqabbad membri tal-komunità li jkunu lesti jimpenjaw ruħhom fil-prattika tagħna jeħtieġ iż-żmien, ġieli iżjed milli nobsru. Ir-raġunijiet għal dan ivarjaw skont il-komunità u l-kuntest. Bħal kull relazzjoni oħra tal-ħajja, biex insiru nafu 'l xulxin nieħdu ż-żmien. Barra minn hekk, matul l-istadji tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni żgur ifeġġu ċirkustanzi xejn mistennija, bħal impenji personali ta' xi membru tat-tim jew tal-komunità, id-dinamiki tal-grupp, intoppi biex jinstabu r-riżorsi jew postijiet xierqa jew inkella temp mhux ideali, biex insemmu biss ftit.

L-investiment tal-ħin tagħna fil-bini tal-fiduċja f'xulxin jippermetti li r-relazzjonijiet u l-prattika tagħna jiżviluppaw bla xkiel.

## Rakkomandazzjoni 2

### Ngħixu l-proċess

Spiss insibu ruħna naħsbu u nixħtu l-attenzjoni tagħna fuq l-eżitu finali tal-prattika kulturali tagħna – kemm jekk tkun wirja, film, kunċert, storja, dramm, kanzunetta, festival u l-bqija. Dan jista' jġagħalna ngħaġġlu żżejjed biex intemmu l-proċess kollu. Għandu mnejn inkunu wkoll influwenzati mis-sistema ta' madwarna, li ħafna drabi timponi fuqna perjodi ta' żmien ristretti u tesprimi ruħha wkoll bil-lingwaġġ tal-"prodott". Madankollu, mhux kull forma ta' prattika artistika u kulturali hija mmirata lejn riżultat aħħari fis-sens dejjaq tal-kelma. Il-proċess fih innifsu kapaċi jkun il-punt fokali u l-eżitu aħħari tal-prattika tagħna.

*"Importanti ħafna li l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet kulturali jinvestu l-ħin u l-enerġija fil-prattika tagħhom u li jelevaw l-ambizzjonijiet li jkollhom."*

— Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

## SUĠĠERIMENT

L-ippjanar ta' għanijiet realistiċi jirrikjedi li nikkunsidraw il-ħin illi lesti ninvestu.

## Naħsbu ftit

Kemm ħin lesti ninvestu?

Nafuhom sew lill-komunitajiet tagħna?

X'nistgħu nagħmlu biex intejbu r-relazzjoni tagħna?

X'inhi l-enfasi tagħna?

## Deep Shelter Project *(Malta, 2015–2018)*

Il-qafas tal-inizjattiva minn Pamela Baldacchino *Deep Shelter Project* jiffoka fuq ir-riflessjoni, ir-relazzjoni u r-rivelazzjoni (tat-tifsira). Dan jippermettilna nanalizzaw l-esperjenza tal-mard, ir-rikoveru fi sptar u l-kura, kif ukoll li nirrelataw dan kollu mal-proċess tal-arti viżiva f'ambjent ta' sptar. Abbażi ta' xogħlijiet artistiċi viżivi, in-natura hawnhekk issir id-dinamika ċentrali li tlaqqa' flimkien l-interazzjoni ta' elementi differenti. Dan għandu l-għan li jqanqal fil-pazjenti s-sensazzjoni li jkunu jinsabu f'darhom – f'lok fejn iħossuhom mifhuma u mkenna. Ix-xogħlijiet maħluqa jħeġġu fil-pazjenti l-proċess tar-rakkont filwaqt li jirrikonoxxu dak kollu li m'għandux spjegazzjoni. Il-proġett jesponi wkoll l-arti għal udjenzi ġodda u b'hekk jespandi u jkattar l-impenn tas-soċjetà ma' materjal b'kontenut artistiku.

www.valletta2018.org/cultural-programme/deep-shelter-project/

**ambjenti terapewtiċi – rikoveru fi sptar – onkoloġija – konnettività – attività sensorjali**

Xogħol artistiku ta' Pamela Baldacchino u Sara Pace, imdendlin fid-day ward, 2018; ritratt: Pamela Baldacchino



### Project Row Houses *(Houston, 1993–s'issa)*

*Project Row Houses* (PRH) hija pjattaforma komunitarja li tarrikkixxi l-ħajja tan-nies permezz tal-arti b'enfasi fuq l-identità kulturali u l-impatt tagħha fuq il-pajsaġġ urban. L-artist u l-fundatur Rick Lowe flimkien ma' artisti oħra li kkollaboraw miegħu għarfu ċertu potenzjal f'sensiela ta' shotgun houses mitluqin fil-viċinat ta' Third Ward – wieħed mill-eqdem distretti Afro-Amerikani ta' Houston. Huma bdew jesploraw kif l-arti tista' tkun mutur għat-trasformazzjoni soċjali. Il-pjattaforma issa qiegħda tinvolvi ġirien, artisti u intrapriżi f'azzjoni kreattiva kollettiva biex tgħin sabiex jinħolqu opportunitajiet sostenibbli f'komunitajiet emarġinati.

projectrowhouses.org

**alloġġ – viċinat – trasformazzjoni soċjali – azzjoni kollettiva – sostenibbiltà**

Ritratt: Peter Molick



*"Naħseb li ż-żgħażagħ għandhom jiġu kkonsultati dwar kif jintuża l-ispazju. Ċerti spazji mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku. Hawnhekk il-konsulenza hija utli."*

— Membru fil-focus groups tal-Adolexxenti

*"L-udjenzi jistgħu jiġu involuti billi jitħeġġew jaqsmu l-esperjenza fi djalogu jew b'mod attiv tul il-proċess."*

— Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

*"Meta tipprova tgħid xi ħaġa, iwaqqfuk."*

— Membru fil-focus groups tal-Adolexxenti

*"Ir-rakkontar tal-istejjer huwa metodu aktar miftuħ u aċċessibbli."*

— Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

# 4H. ISMA'

Is-smigħ attiv jgħinna nibnu dik il-fiduċja meħtieġa biex ir-relazzjoni mal-komunitajiet u mal-kollaboraturi tagħna tirnexxi. Kif tagħtina x'nifhmu l-kelma stess, is-smigħ attiv jeżiġi bis-sħiħ il-konċentrazzjoni u l-interess kollu tagħna f'dak li jkun qed jingħad u f'min ikun qed jgħidu. Dan huwa ħafna iktar minn smigħ passiv, għax jitlobna iktar milli sempliċement nisimgħu b'widnejna. Dan is-smigħ isir ukoll b'għajnejna, b'ġisimna, b'moħħna u b'qalbna permezz ta' messaġġi verbali u mhux verbali.

## Rakkomandazzjoni 1

### Inżommu djalogu miftuħ

Kif rajna f'kapitli oħra, il-ħidma fl-arti u fil-kultura hija proċess kontinwu li jistedinna nidħlu f'konverżazzjoni kontinwa – djalogu. Id-djalogu tagħna jkun miftuħ u kritiku meta nibqgħu l-ħin kollu nirċievu u nagħtu rispons li jagħti lok biex il-prattika tagħna tkompli tikber u tevolvi. Dan iqarribna lejn il-komunitajiet tagħna li mbagħad, min-naħa tagħhom, iħossuhom ħielsa u aktar komdi biex jaqsmu l-ideat, il-ħsibijiet, il-ħtiġijiet, ix-xewqat u l-istejjer tagħhom b'mod aktar miftuħ u onest.

> *"Meta nżuru xi mużew mal-għalliema, jkunu huma li jiddeċiedu x'ser naraw. Jekk tkun trid tara xi ħaġa oħra, ma tistax. Imbagħad, ikollok tikkonvinċi lill-ġenituri biex jerġgħu jeħduk ħalli tkun tista' tara li trid."*
>
> — Membru fil-focus group tat-Tfal

> *"Trid tibbilanċja r-rispons miġbur mill-udjenzi ma' dak illi l-organizzazzjoni kien biħsiebha tikseb."*
>
> — Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

## Rakkomandazzjoni 2

### Nibqgħu nsegwu l-proċess

Is-smigħ attiv u l-iskambju kostanti ta' risponsi jgħinuna nibqgħu nsegwu l-proċess. Dan jgħinna nifhmu jekk il-pjanijiet ikunux qed jaħdmu tajjeb, jekk l-għanijiet ikunux qed jintlaħqu u jekk il-messaġġ ikunx qed jitwassal sewwa. Is-smigħ tal-komunitajiet tagħna kapaċi jenfasizza wkoll kwalunkwe kwistjoni li teħtieġ titqies mill-ġdid, bħar-reviżjoni tal-intenzjonijiet u tal-metodoloġiji tagħna. Din ir-reċiproċità tappoġġa l-prattika tagħna u tiżgura r-rilevanza tagħha għall-komunitajiet li nkunu fihom. Xi drabi, din tista' titlobna ninnegozjaw biex insibu bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-komunitajiet u dawk tal-prattika kulturali ħalli niżguraw gwadann reċiproku. Dan nistgħu niksbuh permezz tas-smigħ attiv.

SUĠĠERIMENT

Ejjew inkomplu nisimgħu biex niżguraw li nissodisfaw il-ħtiġijiet kollha tal-komunitajiet tagħna.

Nagħsbu ftit

Qegħdin inkunu attenti?

Kif nistgħu nevitaw il-ġudizzji?

X'qed jgħid il-lingwaġġ ta' ġisimna?

Qegħdin ngħaġġlu l-proċess iżżejjed?

Kif qed inħossuna?

Kif qed iħossuhom il-komunitajiet tagħna?

**Grey Pride — A Look at the Lives of the Older LGBTIQ Community in Malta** *(Malta, 2015)*

Wara għoxrin sena attiviżmu għad-drittijiet LGBTIQ, li ġabu magħhom trasformazzjoni soċjali, kulturali u legali sinifikanti, il-Malta LGBTIQ Rights Movement (MGRM) fittxet li tiġbor l-istejjer tal-membri tal-ġenerazzjoni preċedenti li jiftakru żmien differenti ħafna meta progress bħal dan bilkemm stajna biss nimmaġinawh. Dawn l-istejjer inġabru f'pubblikazzjoni li tippreżenta l-esperjenzi li sawru l-ħajja tal-membri veterani tal-komunità LGBTIQ, ir-realtajiet attwali tagħhom kif ukoll l-aspettattivi li għandhom għall-ġejjieni huma u jkomplu javvanzaw fl-età.

www.maltagayrights.org/grey-pride-a-look-at-the-lives-of-the-older-lgbtiq-community-in-malta/

**LGBTIQ – anzjani – rakkonti – solidarjetà – attiviżmu**

Qoxra tal-pubblikazzjoni; iddisinjata u illustrata minn Nadine Noko



## **Pizza Shop Heroes** *(Londra, 2018)*

Il-produzzjoni itineranti *Pizza Shop Heroes* hija dramm ta’ Phosphoros Theatre – organizzazzjoni karitattiva li ttella’ proġetti teatrali impenjati fil-livell soċjali ma’ refuġjati u persuni li qed ifittxu ażil, għalihom u minnhom. Il-protagonisti tad-dramm huma erba’ ġuvintur refuġjati li vvjaġġaw lejn ir-Renju Unit waħedhom bħala tfal mill-Afganistan, mill-Eritrea u mill-Albanija. Waqt it-tfittxija għall-ażil, huma rrakkontaw bosta drabi l-istejjer tagħhom lill-Home Office. Ix-xewqa li jirrakkontawhom kif iridu huma lura hija l-leitmotiv li jsejjes id-dramm. Mill-inħawi ta’ ħanut tal-pizza nibdew vjaġġ tul iż-żmien u l-kontinenti biex nesploraw kif dawn l-erba’ żgħażagħ waslu fir-Renju Unit, fejn sejrin u dak li tgħallmu mat-triq.

www.phosphorostheatre.com/pizza-shop-heroes

**vjaġġaturi – refuġjati – fruntieri – rakkontar – kokreazzjoni**

Ritratt: David Monteith-Hodge



> *"L-inklużjoni ta' programmi ta' taħriġ fl-użu ta' metodi u ta' mezzi ġodda ħalli nlaħħqu mar-ritmu tal-ħajja tal-lum hija importanti immens."*
>
> — Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

# 4I. IDDOKUMENTA

Ir-reġistrazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' mumenti speċjali u sinifikanti f'ħajjitna huma użanzi li ħafna minna ormaj drajniehom. Dawn jippermettulna nerġgħu ngħixu dawk il-mumenti iżjed tard u naqsmuhom ma' gruppi usa' ta' nies. Ilkoll għandna l-metodi u l-modi ta' dokumentazzjoni favoriti tagħna – ritratti, filmati jew djarji. Id-dokumentazzjoni li tirreġistra dak illi nagħmlu hija importanti xejn inqas fil-ħidma artistika u kulturali.

## Rakkomandazzjoni 1

### Nagħżlu l-modi ta' dokumentazzjoni tagħna

Attivitajiet differenti jeħtieġu modi differenti ta' dokumentazzjoni. Nistgħu nagħżlu dak xieraq minn firxa wiesgħa ta' mezzi: il-fotografija, il-vidjografija, ir-reġistrazzjoni tal-vuċi u tal-awdjo, it-teħid ta' noti, deskrizzjonijiet bil-miktub u tpinġijiet viżivi. Nagħżlu l-mod xieraq ta' dokumentazzjoni billi niddiskutu mal-kollaboraturi tagħna u nqisu l-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-komunitajiet tagħna. Kull mod partikulari joffri l-vantaġġi speċifiċi tiegħu u jissuġġerixxi perspettiva differenti. Għalhekk, l-użu ta' aktar minn mod wieħed jippermetti li jkollna interpretazzjonijiet multipli tal-istess esperjenza. It-taħriġ personali u tal-membri tat-tim tagħna fil-ħiliet korretti fl-użu tal-mezzi tad-dokumentazzjoni meħtieġa

jista' jkun parti mill-proċess kreattiv innifsu. Barra minn hekk, nistgħu nibdew niddokumentaw il-proċess biss wara li l-komunitajiet ikunu tawna l-kunsens tagħhom.

## Rakkomandazzjoni 2

### Għaliex niddokumentaw?

Id-dokumentazzjoni tal-prattika tagħna tagħtina l-possibbiltà li nerġgħu nżuru, nirriflettu u nirrakkontaw l-esperjenza tagħna biex b'hekk imbagħad naqsmuha ma' udjenza usa' bħala parti mill-pjan dwar il-legat. Din tista' tinkludi l-qsim tagħha ma' komunitajiet, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħra kif ukoll mal-midja, ma' djar tal-pubblikazzjoni u ma' sponsers jew korpi ta' finanzjament futuri. Ċerti attivitajiet kulturali – li jkunu speċifiċi għal komunità, ħin u kuntest partikulari u msejsa fuq elementi ta' esperjenza temporanja u t'għaqda solidali – ma jistgħux jivvjaġġaw minn post għal ieħor qisu xejn mhu xejn jew jadattaw faċilment għal sitwazzjonijiet oħra. F'każi bħal dawn id-dokumentazzjoni ssir għodda tabilħaqq fejjieda, dejjem sakemm nifhmu li din ma tista' qatt tieħu post l-azzjonijiet u l-esperjenzi tagħna.

## SUĠĠERIMENT

Niddokumentaw biex nirrikonoxxu, niċċelebraw u naqsmu l-esperjenza ma' ħaddieħor.

## Naħsbu ftit

Il-Komunitajiet tagħna lesti jagħtu kunsens biex jitteħdulhom ritratti jew filmati?

Il-Komunitajiet tagħna jifhmu fejn u kif jistgħu jintużaw l-immaġnijiet tagħhom?

Il-Komunitajiet tagħna jħossuhom skomdi fil-preżenza ta' nies li qed jiddokumentaw?

Kif nistgħu nagħmlu d-dokumentazzjoni tagħna aktar interessanti?

Id-dokumentazzjoni tagħna hija biss xi ħaġa barranija, jew parti mill-proċess kreattiv?

### Burning Bikinis — Bikinis, Society, Women *(Malta, 2017)*

Maħdum mill-aditus foundation bid-direzzjoni ta' Alessandro Tesei u Emmanuel Tut-Rah Farah b'kollaborazzjoni ma' Subwaylab, il-film *Burning Bikinis* imur lura lejn il-bidu, u nofs is-snin sittin billi jieħu spunt mill-introduzzjoni tal-bikini fil-kultura Maltija ta' ħdejn il-baħar u l-furur soċjali u reliġjuż skattat minn dan il-fenomenu. Il-film jesplora l-femminiżmu f'Malta minn perspettiva storika billi jħares lejn ġrajjiet li ġraw f'Malta, jitkellem ma' dawk li għexuhom u jadotta vuċi introspettiva billi jistieden lil Malta tirrifletti fuq ir-rwol li għandhom in-nisa llum fil-komunità.

www.aditus.org.mt/our-work/projects/burning-bikinis/

**drittijiet tan-nisa – rwoli tal-ġeneru – narrattivi – memorja kollettiva - perspettiva soċjoreliġjuża**

Wara l-kwinti fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, ir-Rabat, 2016;
ritratt: Emmanuel Tut Rah-Farah, Alessandro Tesei



## Isola Art Center *(Milan, 2001–s'issa)*

Isola Art Centre hija pjattaforma miftuħa u sperimentali li taħdem fil-qasam soċjali tal-kunflitt urban billi tgħaqqad id-dinamika tal-arti kontemporanja mal-ħtiġijiet u max-xewqat tal-abitanti tad-distrett ta' Isola – fl-imgħoddi: viċinat industrijali u proletarju. Imnedija mill-artist Bert Theis u artisti oħra f'dan il-maġar, l-inizjattiva tappoġġa bis-sod il-ġlidiet tar-residenti kontra l-ippjanar urban u l-ġentrifikazzjoni sfurzati pjuttost bil-goff. Iż-żona ġiet ittrasformata f'distrett lussuż u b'hekk inqerdet għalkollox il-memorja tal-imgħoddi. Minkejja l-battalja mitlufa, l-assoċjazzjonijiet tal-viċinat u l-abitanti ssoktaw b'kampanji ta' lobbying favur spazju kulturali komunitarju ġdid indukrat minnhom stess, inkluż il-ġnien komunitarju Isola Pepe Verde – utopja żgħira kontinwa

www.isolartcenter.org/en/ | www.isolapepeverde.org

**trasformazzjoni urbana – memorja kollettiva – awtoorganizzazzjoni – spazju ekoloġiku – attiviżmu**

Ritratt tal-kollettiv, ikkurat minn Edna Gee u mill-Isola Art Center, 2014;
ritratt: Paola Di Bello



> *"Il-prattika komunitarja teħtieġ ħafna flessibbiltà. Is-sistemi tal-finanzjament għandhom jadattaw għal dan."*
>
> — Dominik Kalweit, Koordinatur tal-focus group tal-Persuni minn sfondi etniċi differenti

> *"M'hemmx biżżejjed flessibbiltà. Jidhirli wkoll li hemm ħafna biża' mill-'oħrajn'. M'hemm ebda approċċ illi jaqdi 'l kulħadd."*
>
> — Membru fil-focus group tal-Gruppi qajla milħuqa

> *"Il-ħajja kulturali jenħtieġ tkun flessibbli ħalli tkun tista' tadatta għall-ħtiġijiet ta' soċjetajiet u komunitajiet illi qed jinbidlu u tirrispondi għall-bżonnijiet ta' diversi udjenzi fi ħdan l-ambjenti soċjali u kulturali differenti tagħhom. B'dal-mod biss jista' s-settur kreattiv ikollu ġejjieni sostenibbli."*
>
> — Elton Micallef, Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti

# 4J. SAWWAR MILL-ĠDID

Bħalma wrietna l-pandemija globali tal COVID-19, l-adattament tal-ħsieb, tal-imġiba u tal-metodi tagħna huwa essenzjali. Xi drabi s-sitwazzjonijiet li nsibu ruħna fihom ikunu lil hinn mill-kontroll tagħna u għaldaqstant, tkun xi tkun l-iskala tagħhom, nistgħu nimxu 'l quddiem biss jekk inkunu lesti nibdlu, naġġustaw u nilħqu kompromess.

Rakkomandazzjoni 1

Il-flessibbiltà tgħallem

Il-ħtiġijiet tal-komunitajiet tagħna jinbidlu, is-sitwazzjonijiet ukoll. Ir-raġunijiet għal dan jistgħu jvarjaw. Dawn il-bidliet kapaċi joffrulna sfida għax jistgħu jaffettwaw u jittrasformaw il-pjanijiet tagħna b'ħafna modi: forsi jkollna bżonn inċaqalqu jew intawlu l-iskedi taż-żmien, nimmodifikaw l-objettivi tagħna jew infasslu metodoloġiji ġodda. Iktar ma nkunu prattiċi, iktar inkunu f'qagħda li noffru għażliet varjati. Bħala prattikanti u organizzazzjonijiet kulturali, aħna nirrevedu l-prattika tagħna b'mod regolari sabiex naħsbu mill-ġdid fuq it-tipi ta' esperjenzi li noffru.

**Dance Beyond Borders** *(Malta, 2020–s'issa)*

Dan il-proġett ilaqqa' liż-żeffiena kontemporanja Julienne Schembri maż-żeffiena tal-flamenco Deborah Falzon b'riċerka bbażata fuq il-prattika, li tiffoka fuq kif nistgħu nużaw iż-żfin bħala veiklu biex ngħaqqdu lin-nies. Din l-inizjattiva tesplora kif iż-żfin jista' jeżisti fuq il-continuum bejn l-arti u l-attiviżmu fir-rigward tal-ispostament u l-integrazzjoni. Iż-żeffiena għandhom l-għan li jippreżentaw żifniet li jressqu quddiemna stejjer dwar il-migrazzjoni, li jgħaqqdu nies minn sfondi differenti permezz ta' proġetti komunitarji u li jfittxu modi kif nistgħu nużaw iż-żfin bħala strument biex niċċelebraw id-diversità kulturali.

www.linktr.ee/dancebeyondborders

**attiviżmu biż-żfin – prattika impenjata fil-livell soċjali – diversità kulturali – integrazzjoni – komunità**

Dance Beyond Borders f'residenza ma' ŻfinMalta għall-AiR2020;
ritratt: Aaron Shah Aristun Shah



**Palestine Heirloom Seed Library** *(Battir, 2014–s'issa)*

Imwaqqfa mill-artista Vivien Sansour, il-Palestine Heirloom Seed Library tfittex li tippreserva u tippromwovi varjetajiet ta' żrieragħ antiki, prattiki agrikoli tal-biedja Palestinjana u l-istejjer, l-għarfien u l-memorji assoċjati magħhom li llum jinsabu mhedda min-negozju agrikolu, miż-żerriegħa korporattiva, mid-dominanza tal-art u mill-vjolenza politika. Il-Librerija u l-El Beir Arts and Seeds Center assoċjat magħha jissimbolizzaw it-twemmin ewlieni li l-agrikoltura tinkludi kemm il-prefiss "agri" (prattiki ta' biedja tradizzjonali) kif ukoll in-nom "kultura" (l-istil ta' ħajja assoċjat/tradizzjonijiet ta' għajxien essenzjali għall-identità ta' komunità). Dan iservi wkoll ta' spazju għal kollaborazzjonijiet ma' artisti, poeti, kittieba, ġurnalisti u membri oħra biex jaqsmu x-xogħol tagħhom. B'ħidma mill-qrib mal-bdiewa Sansour identifikat varjetajiet ewlenin ta' żrieragħ u wċuħ tar-raba' tajbin għall-ikel biex tikkonserva b'mod attiv il-bijokultura tagħhom u tirkupra l-pajsaġġ lokali tagħhom.

www.viviensansour.com/Palestine-Heirloom

**ekonomiji alternattivi – politika rurali – bijodiversità agrikola – tradizzjoni – skambju**

Ritratt: Samar Hazboun



## SUĠĠERIMENT

Xi ħaġa li ma tevolvix tista' fossilizzata.

## Nagħsbu ftit

Il-prattika kulturali tagħna hija disponibbli għal kulħadd?

Il-prattika kulturali tagħna hija aċċessibbli għal kulħadd?

Il-prattika kulturali tagħna hija aċċettabbli għal kulħadd?

Il-prattika kulturali tagħna qed tadatta għal kulħadd?

Il-prattika kulturali tagħna hija xierqa għal kulħadd?

# RAKKOMANDAZZJONI FINALI

Nittamaw li dan il-pakkett ta' riżorsi jkompli juri l-valur ewlieni u essenzjali li d-drittijiet kulturali jipprovdu lill-komunitajiet u lis-soċjetajiet tagħna abbażi tar-rispett għad-dinjità tal-bnedmin. Il-kultura tressaq lin-nies lejn xulxin u tiftaħ id-diskussjoni. Bħalma jirrimarkaw il-parteċipanti tal-focus groups u l-membri tal-grupp ta' ħidma intersettorali għall-qsim tal-għarfien, hemm koinċidenza qawwija bejn id-drittijiet kulturali u l-qasam edukattiv f'termini tat-trawwim tal-ħiliet fil-ħsieb kreattiv u kritiku.

Bħala rakkomandazzjoni finali, nistgħu nirreferu għall-qafas t'azzjoni propost minn Karima Bennoune: **CULTURES**.

**C** **CONSULTATION: Il-KONSULTAZZJONI** mal-partijiet interessati milquta kollha u l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tfassil ta' politiki għall-ħarsien tal-ħajja u d-drittijiet kulturali, matul il-pandemija kif ukoll warajha.

**U** **URGENCY: L-URĠENZA** tar-rispons meħtieġ f'termini ta' finanzjament u appoġġ għas-setturi artistiċi u kulturali u dawk li jaħdmu fihom u għad-difensuri tad-drittijiet kulturali, kif ukoll fix-xorta ta' azzjonijiet sabiex jiġi evitat it-telf artistiku u kulturali.

**L** **LEGAL OBLIGATIONS: L-OBBLIGI LEGALI,** tfakkira li l-Istati huma marbuta bil-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li jiggarantixxu d-drittijiet kulturali għal kulħadd, matul u wara l-pandemija.



## C

**CONSULTATION:**
***IL-KONSULTAZZJONI***



## U

**URGENCY:**
***L-URĠENZA***

## L

**LEGAL OBLIGATIONS:**
***L-OBBLIGI LEGALI***







## T

**TWENTY-FIRST CENTURY:**
***IS-SEKLU WIEĦED U GĦOXRIN***

## U

**UPPING THE FUNDING:**
***ŻIEDA FIL-FINANZJAMENT***





## R

**RIGHTS-BASED APPROACHES**
***APPROĊĊI BBAŻATI FUQ ID-DRITTIJIET***

## E

**EVERYONE:**
***KULĦADD***







## S

**SOLIDARITY:**
***SOLIDARJETÀ***

**T** **TWENTY-FIRST CENTURY: IS-SEKLU WIEĦED U GĦOXRIN,** tfakkira li l-għażliet li jsiru issa dwar id-difiża tad-drittijiet kulturali u tad-dritt għax-xjenza, matul u wara l-pandemija, ser jiddefinixxu kif dawn id-drittijiet ser jitgawdew fis-snin li ġejjin u jekk dawn humiex ser ikunu disponibbli għaż-żgħażagħ u għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

**U** **UPPING THE FUNDING: ŻIEDA FIL-FINANZJAMENT**, tfakkira li jenħtieġ jiżdiedu l-fondi għall-kultura u li jiġi evitat kull tnaqqis fil-baġits.

**R** **RIGHTS-BASED APPROACHES: APPROĊĊI BBAŻATI FUQ ID-DRITTIJIET**, il-ħtieġa li nqisu d-drittijiet kulturali ta' kulħadd fl-applikazzjoni u fit-tfassil tal-politiki kulturali, u li ngħinu lid-difensuri tad-drittijiet kulturali li l-isforzi tagħhom huma essenzjali għall-garanzija ta' dawn id-drittijiet.

**E** **EVERYONE: KULĦADD**, tfakkira biex niffukaw fuq l-inklużjoni u biex nissieltu kontra d-diskriminazzjoni fit-tgawdija tad-drittijiet kulturali matul il-pandemija.

**S** **SOLIDARITY: SOLIDARJETÀ**, valur ewlieni tad-drittijiet tal-bniedem li neħtieġu biex niggarantixxu d-drittijiet kulturali u d-dritt għax-xjenza, fil-livell nazzjonali u fil-livell internazzjonali, aħna u naffrontaw il-pandemija tal-COVID-19.[20]

[20] Bennoune, K. (2021), COVID-19, Culture and Cultural rights – Report of the Special Rapporteur in the field of cultural rights, para. 77, p. 19-20, disponibbli bl-Ingliż fuq digitallibrary.un.org/record/3907050?ln=en

# RINGRAZZJAMENTI

**Il-Kunsill Malti għall-Arti jesprimi bi pjaċir l-apprezzament tiegħu u jrodd ħajr mill-qalb lill-parteċipanti kollha tat-tmien focus groups li qasmu magħna l-esperjenzi, it-tħassib u rakkomandazzjonijiet tagħhom.**

Jiżżi ħajr ukoll lill-koordinaturi tal-focus groups li b'sensittività u galbu li ma bħalu irnexxielhom jittrattaw il-karatteristiċi diversi ta' kull grupp. Dawn jinkludu lil: **Dr Ruth Farrugia**, Lettriċi Anzjana (Dritt Ċivili) li kkoordinat il-gruppi tat-tfal u tal-adolexxenti; **is-Sra Maria C. Borg**, Senior Youth Worker fl-Aġenzija Żgħażagħ li kkoordinat il-grupp taż-żgħażagħ; **il-Prof. Marvin Formosa**, Professur Assoċjat (Ġerontoloġija u Dimenzja) li kkoordina l-grupp tal-anzjani; **is-Sur Michael Deguara**, Akkademiku (Antropoloġija) li kkoordina l-focus group tal-gruppi qajla milħuqa; **is-Sra Amy Camilleri Zahra**, Assistenta Lettriċi (Studji dwar id-Diżabbiltà) li kkoordinat il-grupp tal-persuni b'diżabbiltà; **is-Sur Dominik Kalweit**, Viċi Direttur Eżekuttiv u Direttur għall-Proġetti u l-Inizjattivi f'Kopin li kkoordina l-grupp tal-persuni minn sfondi etniċi differenti; u **s-Sur Pawlu Mizzi**, Artist u Disinjatur Grafiku li kkoordina l-grupp tal-persuni attivi fil-kultura tradizzjonali.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jestendi l-gratitudni tiegħu lill-membri kollha tal-grupp ta' ħidma intersettorali għall-qsim tal-għarfien. Dawn jinkludu lil: **Dr Neil Falzon**, Kap tas-Segretarjat fil-Pjattaforma tal-Organizzazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Malta; **Dr Désirée Attard**, Konsulenta għad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem; **is-Sur Oliver Scicluna**, dak iż-żmien fil-kapaċità ta' Kummissarju għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà; **is-Sur Elton Micallef**, Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti; **is-Sur Simon Agius**, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Politika, u **is-Sur Antoine Zammit**, Prinċipal Anzjan taħt id-direzzjoni **tas-Sra Marisa Pisani**, Direttriċi tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali; u **s-Sur Roderick Agius**, Direttur tal-Finanzi u tal-Amministrazzjoni fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Il-Kunsill jesprimi wkoll l-apprezzament tiegħu għall-prattikanti kreattivi u għall-organizzazzjonijiet kulturali kollha li kienu lesti jaqsmu l-prattika tagħhom u li taw kontribut bil-materjal illi jidher fl-eżempji ta' prattika tajba.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, irodd ukoll ħajr speċjali lill-membri **tal-Pjattaforma tal-Organizzazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Malta** għas-servizzi ta' konsulenza li offrew matul dan l-eżerċizzju.












978-99957-817-8-1

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI



# Mill-Idea għar-Realtà



# Mill-Idea għar-Realtà

**[ 1 / 10 ]**

Ilkoll noħolmu u rridu nagħtu l-ħajja lill-ideat tagħna. Għandu mnejn ma nkunux nafu minn fejn nibdew jew forsi naraw kbir u nispiċċaw nintilfu. Jekk inħażżu l-ideat tagħna fuq karta u nippjanaw il-ħolm tagħna pass wara pass, inkunu nistgħu nagħtu sura lill-ħsibijiet tagħna.

**Aħseb**
B'liem ħsibijiet bdejna? Ejja niġbru l-ideat!

**Ħtiġijiet Diversi**
X'inhuma l-ħtiġijiet tal-komunitajiet u tal-prattika tagħna? X'tip ta' adattamenti għandna bżonn?

**Valuri**
X'inhuma l-valuri ewlenin tal-prattika artistika u kulturali tagħna?

**Objettiv**
X'nixtieqou niksbu?

**Kollaboraturi**
Ma' min ser nikkollaboraw?

**Aġixxi**
Kif ser naħdmu? Ejjew naqsmu kollox f'azzjonijiet differenti!

**Aħseb bil-Quddiem**
X'naħsbu li ser isir mill-komunitajiet u mill-prattika tagħna fi żmien ħames snin?

# Neħduha pass wara pass




aħna u nimxu f'dal-vjaġġ flimkien.



# Infasslu Skeda għall-Proġett



# Infasslu Skeda għall-Proġett

[ 2 / 10 ]

Ladarba l-ideat tagħna jibdew jieħdu l-ħajja u nħossuna lesti li nwettquhom, jenħtieġ imbagħad niżguraw li jkollna pjan xieraq u effiċjenti. L-iskeda hija ħarsa ġenerali u viżiva tal-proġett tagħna li turi f'ordni kronoloġika dati importanti u kompiti skedati mill-bidu sat-tmiem billi turi l-progress magħmul kull ġimgħa, kull xahar, kull tliet xhur jew kull sena. Dan jippermettilna nivviżwalizzaw kif il-biċċiet differenti tal-pjan tagħna jaħdmu flimkien. It-tħejjija ta' skeda kronoloġika bħal din neħtiġuha mhux biss biex ninkluduha fi proposta ta' proġett meta napplikaw għall-fondi. Iżjed minn hekk, huwa iktar kruċjali li naqsmuha mal-kollaboraturi kollha tagħna sabiex inkunu ċerti li lkoll ninsabu fuq l-istess frekwenza.

## Punti xi nqisu

- Ejjew nirrevedu. X'inhu l-objettiv tagħna?
- X'inhuma r-rwoli tal-kollaboraturi tagħna?
- Kemm żmien neħtieġu b'kollox, jiġifieri, liema huma d-dati tal-bidu u tat-tmiem?
- Liema huma l-istadji ewlenin, jiġifieri, l-azzjonijiet li neħtieġu nieħdu pass wara pass? (ara l-fuljett 1 tat-toolkit)
- Kif nistgħu naqsmu dawn l-azzjonijiet f'kompiti iżgħar? (Dan isir aktar faċli ladarba jiġu assenjati r-rwoli. Pereżempju, it-tim tal-promozzjoni ser jirrealizza li qabel jibgħat stedina għandha qabelxejn titfassal din l-istedina.)
- Kemm żmien, bejn wieħed u ieħor, jeħtieġ kull kompitu?
- Ejjew noħolqu sekwenza: liema kompiti jiġu l-ewwel, imbagħad it-tieni, it-tielet, eċċ.?
- Hemm xi kompiti li jiddependu mit-tlestija ta' dawk preċedenti? (eż. Ma nistgħux nordnaw l-ikel qabel nagħżlu mnejn ser nixtruh.)

Iss'ejjew inħażżu l-iskeda tagħna!

## Vantaġġi fit-tfassil ta' skeda

- Nistgħu nżommu rendikont tal-proċess tal-proġett tagħna
- Nistgħu nistabbilixxu kemm neħtieġu riżorsi għal kull kompitu
- Jista' jkollna stima tal-baġit meħtieġ għal kull kompitu
- Nistgħu nagħrfu liema kompiti jikkoinċidu u jistgħu jinħadmu fl-istess ħin, speċjalment meta r-responsabbiltà tkun maqsuma bejn kollaboraturi differenti
- Nistgħu nagħrfu liema kompiti qabelxejn jiddependu mit-tlestija ta' kompiti oħrajn

## Suġġerimenti

- Xi drabi, jekk naħdmu b'lura, inkunu nistgħu nifhmu meta jenħtieġ jinbdew ċerti kompiti partikulari u nimlew l-iskeda kalendarja kif jixraq.
- Xi drabi, l-affarijiet ma jmorrux kif inkunu ppjanajnihom u l-flessibilità tkun vantaġġ. L-iskedi jgħinuna nadattaw għall-ħtiġijiet li jinqalgħu.

# Metodi ta’ Ingaġġ

# Metodi ta’ Ingaġġ
[ 3 / 10 ]

Meta nikkollaboraw mal-komunitajiet tagħna, jista’ jkollna dawn iż-żewġ xenarji differenti – nistgħu nikkollaboraw ma’ grupp komunitarju li diġà jeżisti jew inkella noħolqu u niffurmaw grupp ta’ ħidma ġdid. Fl-ewwel każ, il-komunikazzjoni kapaċi tkun aktar faċli u mgħaġġla għax il-grupp diġà jkun jagħmel parti minn struttura li qed tiffunzjona. Fil-każ l-ieħor, il-proċess jista’ jkun aktar kajman u joffri sfida ikbar. Ikun xi jkun il-każ, meta nippreżentaw stedina għall-kollaborazzjoni qabelxejn jenħtieġ inqisu ftit punti.

## Lil min qegħdin infittxu?

Qegħdin infittxu grupp ta’ etajiet speċifiċi?

Qegħdin infittxu gruppi-mira speċifiċi?

Qegħdin infittxu lokalità speċifika?

Qegħdin infittxu ħiliet speċifiċi?

Qegħdin infittxu stejjer speċifiċi?

## Għal xiex qed nistiednu l-komunitajiet?

Għandna intenzjonijiet ċari?

Xi rwol ser ikollhom il-komunitajiet?

X’tip ta’ benefiċċji reċiproċi qegħdin inbassru?

Għal kemm żmien ser indumu nikkollaboraw flimkien?

## Fejn nistgħu nippromwovu l-istedina tagħna?

Meta nippromwovu l-istedina tagħna ħafna drabi noħolqu sejħa miftuħa. Din għandha tkun ċara, speċifika, aċċessibbli u jenħtieġ tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha bħat-titlu jew is-suġġett, id-data, il-ħin u d-dettalji tal-kuntatt. Nistgħu nżidu immaġni rilevanti ħalli l-messaġġ tagħna jidher aktar attraenti. Il-promozzjoni tagħna tista’ ssir online u offline, bi ħlas jew mingħajru. Hawn wara hawn xi eżempji fejn nistgħu nippubblikaw is-sejħa miftuħa bl-istedina tagħna.

Promozzjoni stampata: gazzetti, rivisti, fuljetti …

Promozzjoni fuq l-internet: portal tal-aħbarijiet online, siti elettroniċi, midja soċjali …

Emails u bullettini maħsuba għal persuni speċifiċi

Noticeboards komunitarji fil-kunsill lokali, fl-iskejjel, fl-uffiċċju parrokkjali, fil-każin tal-banda, fil-ħwienet …

Bil-fomm abbażi tal-fiduċja

Agħti preżentazzjonijiet qosra f'laqgħat, taħditiet, avvenimenti tal-komunità …

Il-kollaboraturi li diġà ħdimna magħhom jistgħu jerġgħu jikkollaboraw jew jagħtuna direzzjoni

Programmi televiżivi u radjufoniċi: breakfast shows, talk shows ta' filgħodu …

# Infittxu l-Kunsens

# Infittxu l-Kunsens

[ 4 / 10 ]

Meta naħdmu ma' komunitajiet – bħala parteċipanti jew kokreaturi – inkunu rridu niżguraw illi l-kollaboraturi kollha jaqblu li jkunu parti mill-attivitajiet kulturali tagħna **bir-rieda ħielsa tagħhom** u li lkoll ikunu komdi bil-pjanijiet ta' attività li nikkomunikaw. Meta individwu ma jkunx f'pożizzjoni li jagħti kunsens infurmat, ġeneralment ikun hemm persuna oħra awtorizzata li tagħti l-kunsens f'ismu/isimha, eż. il-ġenitur jew il-kustodju/kustodja legali ta' tifel/tifla jew adolexxenti taħt l-età.

Is-sitwazzjonijiet li jeħtieġu l-kunsens infurmat ivarjaw. Fosthom, iżda mhux biss, insibu l-parteċipazzjoni f'intervisti, f'sondaġġi u f'workshops kif ukoll is-sehem f'kunċerti, fi drammi, f'esibizzjonijiet u waqt festivals. Dawn jistgħu jkunu avvenimenti ta' darba jew parti minn skeda itwal. Tkun xi tkun is-sitwazzjoni, il-kunsens għandu jkun **speċifiku għall-attività artistika jew kulturali inkwistjoni**.

## Punti xi nqisu

- L-intenzjonijiet huma spjegati b'mod ċar?
- Il-parteċipanti għandhom ħin jistaqsu aktar mistoqsijiet?
- Il-parteċipanti għandhom il-possibbiltà li jirrifjutaw, jibdlu fehmithom jew jirtiraw?
- Il-parteċipanti huma konxji dwar min ser juża d-data tagħhom u kif?
- Il-parteċipanti għandhom kopja tal-formula tal-kunsens mimlija u ffirmata?

**Eżempju ta' formola tal-kunsens**

Il-proġett [jew] programm [jew] riċerka [daħħal it-titlu tal-attività kulturali] għandu l-għan li [daħħal l-għan ewlieni]. B'kollaborazzjoni ma' [daħħal l-ismijiet ta' organizzaturi sħab], biħsiebna norganizzaw laqgħat [jew] workshops [jew] provi [jew daħħal il-preferenza tiegħek], li matulhom tkun tista' [daħħal il-kompitu/kompiti prinċipali mistennija mill-parteċipanti]. Dan għandu jwassalna għal [daħħal l-eżitu finali, jekk applikabbli] f'[daħħal il-qafas ta' żmien eż. sitt xhur]. Il-kollaborazzjoni tiegħek tinvolvi li tieħu sehem f'[daħħal l-għadd approssimattiv ta' sessjonijiet] laqgħat [jew] workshops [jew] provi li ser isiru bejn [daħħal xahar, sena] u [daħħal xahar, sena]. Kwalunkwe data miġbura ser tintuża biss mill-organizzaturi sħab tagħna għall-fini ta' [daħħal it-titlu tal-attività kulturali]. Kemm-il darba int lest(a) tipparteċipa, jekk jogħġbok innota li f'dan m'hemm ebda benefiċċju dirett għalik [jew speċifika t-tip ta' benefiċċji] u li s-sehem tiegħek ma jinvolvi ebda riskju magħruf jew antiċipat.

Innota wkoll li għandek il-libertà li taċċetta jew tirrifjuta li tieħu sehem, mingħajr il-ħtieġa li tagħti raġuni. Għandek ukoll il-libertà li tirtira fi kwalunkwe ħin, mingħajr il-ħtieġa li tagħti xi spjegazzjoni u mingħajr ebda konsegwenzi negattivi għalik billi tikkuntattja lil [daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt] fuq [daħħal id-dettalji ta' kuntatt]. Jekk tagħżel li tirtira, kwalunkwe data miġbura li tirrigwarda lilek titħassar għalkollox b'mod permanenti.

**Jekk jogħġbok immarka fejn taqbel u ffirma**

- ☐ Niddikjara li qrajt u fhimt l-informazzjoni mogħtija hawn fuq.
- ☐ Kelli l-opportunità nistaqsi aktar mistoqsijiet u l-mistoqsijiet tiegħi twieġbu kollha.
- ☐ Niddikjara li għandi 18-il sena jew iktar.[21]
- ☐ Iva, naqbel li nippartеċipa u ħadd ma obbligani nagħmel dan.
- ☐ Le, ma naqbilx li nippartеċipa.

Isem il-parteċipant(a):______________________________

Firma: ______________________ Data: ______________________

Isem ir-rappreżentant(a) tal-organizzaturi sħab:________________

Firma: ______________________ Data: ______________________

[21] Fil-każ ta' parteċipanti ta' taħt it-18-il sena, dal-punt jinbidel kif ġej: *Niddikjara li jien il-kustodju/kustodja legali tal-parteċipant(a).* F'każi bħal dawn, jiddaħħlu kemm l-isem tal-parteċipant(a) kif ukoll isem il-kustodju/kustodja iżda tkun meħtieġa biss il-firma tal-kustodju/kustodja legali.

# Formola għall-Pubblikazzjoni ta' Ritratt / Filmat

# Formola għall-Pubblikazzjoni ta' Ritratt / Filmat
[ 5 / 10 ]

Id-dokumentazzjoni tal-prattika artistika u kulturali tagħna għandha l-benefiċċji proprji tagħha, iżda rridu niżguraw li l-parteċipanti kollha **jaqblu li jinġibdulhom ritratti u/jew filmati**. Meta individwu ma jkunx f'pożizzjoni li jagħti kunsens infurmat, ġeneralment ikun hemm persuna oħra awtorizzata li tagħti l-kunsens f'ismu/isimha, eż. il-ġenitur jew il-kustodju/kustodja legali ta' tifel/tifla jew adolexxenti taħt l-età.

It-tiftix tal-kunsens għandu jkun **speċifiku għall-attività artistika jew kulturali inkwistjoni**. Dan jirrigwarda sew **il-ġbid** tar-ritratt u/jew il-filmat u sew **il-pubblikazzjoni** tiegħu. Meta xi parteċipanti ma jkunux komdi jippubblikaw ir-ritratt u/jew il-filmat li jirrigwardahom, nistgħu noffru l-għażla li nċajpru l-immaġni ta' wiċċhom. Kull meta nippubblikaw ritratt u/jew filmat, mhux biss ikun ġust iżda wkoll prattika tajba li **nsemmu lill-fotografu u/jew lill-vidjografu**.

## Punti xi nqisu

- Il-parteċipanti għandhom ħin jistaqsu aktar mistoqsijiet?
- Il-parteċipanti għandhom il-possibbiltà li jirrifjutaw, jibdlu fehmithom jew jirtiraw?
- Il-parteċipanti huma konxji dwar min ser juża r-ritratt/filmat tagħhom u fejn?
- Il-parteċipanti għandhom kopja tal-formola għall-pubblikazzjoni ta' ritratt/filmat mimlija u ffirmata?

**Eżempju ta' formola għall-pubblikazzjoni ta' ritratt/filmat**

Għall-proġett tagħna [jew] programm [jew] riċerka [daħħal it-titlu tal-attività kulturali], ser jinġibdu ritratti [u/jew] filmati matul l-attivitajiet li ser isiru bħala parti mill-proċess kontinwu u mill-avveniment finali. Ir-ritratti u l-filmati tal-parteċipanti u tal-kollaboraturi kollha, miġbuda f'perspettivi kollettivi u individwali, jistgħu jidhru f'gazzetti, programmi televiżivi, pubblikazzjonijiet tal-istampa u fuq l-internet, siti elettroniċi u fuq kanali tal-midja soċjali ta' [daħħal l-ismijiet tal-organizzaturi sħab u ta' kwalunkwe sponsor jew korpi ta' finanzjament, jekk applikabbli].

Ir-ritratti u/jew il-filmati li jittellgħu fuq siti elettroniċi jistgħu jidhru mad-dinja kollha u mhux f'Malta biss. Xi pajjiżi barranin għandu mnejn ma jipprovdux l-istess livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi bħalma tipprovdi l-leġiżlazzjoni Maltija u tal-UE.

Sabiex taħdem skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), [daħħal it-titlu tal-attività kulturali] qed titlob il-permess tiegħek biex tuża r-ritratti u/jew il-filmati msemmija hawn fuq. Kemm-il darba taqbel li tagħti l-kunsens tiegħek jekk jogħġbok imla u ffirma l-formola t'hawn taħt.

Tista' tirtira dan il-kunsens fi kwalunkwe ħin mingħajr il-ħtieġa li tagħti raġuni u mingħajr ebda konsegwenzi negattivi għalik billi tikkuntattja lil [daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt] fuq [daħħal id-dettalji tal-kuntatt]. Jekk tagħżel li tirtira kwalunkwe ritratt u/jew filmat li jirrigwarda lilek, dan jitħassar għalkollox b'mod permanenti

## Jekk jogħġbok immarka fejn taqbel u ffirma

- ☐ Niddikjara li qrajt u fhimt l-informazzjoni mogħtija hawn fuq.
- ☐ Kelli l-opportunità nistaqsi aktar mistoqsijiet u l-mistoqsijiet tiegħi twieġbu kollha.
- ☐ Niddikjara li għandi 18-il sena jew iktar.[22]
- ☐ Naqbel li t-tim organizzattiv jista' jiġbed ritratti [u/jew] filmati tiegħi u juża dawn l-immaġnijiet [u/jew] filmati għall-finijiet tal-proġett [jew] tal-programm [jew] tar-riċerka.
- ☐ Naqbel li niġi identifikat bħala l-persuna li tidher fir-ritratti [u/jew] fil-filmati.
- ☐ Naqbel li jinġibduli ritratti [u/jew] filmati kemm-il darba mbagħad wiċċi jidher imċajpar.

Isem il-parteċipant(a): ______________________________

Firma: ____________________ Data: ____________________

Isem ir-rappreżentant(a) tal-organizzaturi sħab: ______________

Firma: ____________________ Data: ____________________

[22] Fil-każ ta' parteċipanti ta' taħt it-18-il sena, dal-punt jinbidel kif ġej: *Niddikjara li jien il-kustodju/kustodja legali tal-parteċipant(a).* F'każi bħal dawn, jiddaħħlu kemm l-isem tal-parteċipant(a) kif ukoll isem il-kustodju/kustodja iżda tkun meħtieġa biss il-firma tal-kustodju/kustodja legali.

# Nagħżlu u Nirriservaw Spazju

# Nagħżlu u Nirriservaw Spazju

[ 6 / 10 ]

Ladarba nifhmu tajjeb il-ħtiġijiet tal-komunitajiet u tal-prattika tagħna mbagħad inkunu rridu niżguraw li jkollna wkoll spazju xieraq fejn niltaqgħu, niddiskutu, noħolqu u naqsmu r-riżultati tagħna. Minn xi daqqiet għandu mnejn ikollna aċċess għall-ispazju tagħna stess, daqqiet oħra jeħtiġilna nirriservaw u/jew nikruh mingħand partijiet terzi. Jekk ikun hekk, iktar ma nagħmlu dan kmieni iktar aħjar. Meta nagħżlu l-ispazju tagħna nkunu rridu li l-parteċipanti kollha jħossuhom komdi u ispirati biżżejjed ħalli titqanqal il-kreattività.

**Suġġeriment**

Żjara fis-sit qabel ma nibdew nużaw l-ispazju tiżgura l-organizzazzjoni ta' dan kollu bla xkiel.

## Qabelxejn

- Għal xiex qegħdin nirriservaw l-ispazju?
- Qegħdin infittxu spazju relevanti għall-komunitajiet jew għall-kontenut tal-prattika tagħna?
- Qegħdin infittxu tip ta' spazju konvenzjonali jew mhux konvenzjonali?
- Qegħdin infittxu spazju ġewwa jew barra?
- Meta qed nużaw l-ispazju? Fix-xitwa jew fis-sajf?
- Għal kemm żmien neħtieġu dan l-ispazju?
- Kemm għandna fondi disponibbli?

B'dawn il-mistoqsijiet imwieġba jkollna l-aktar rekwiżiti bażiċi f'posthom u nistgħu nibdew it-tfittxija tagħna. Kultant, il-komunitajiet u l-kollaboraturi tagħna jistgħu jissuġġerixxu spazji possibbli. Nistgħu wkoll nikkuntattjaw lil medjaturi komunitarji, bħal ngħidu aħna l-kunsill lokali, li kapaċi jiggwidawna fid-direzzjoni t-tajba.

## Aktar rekwiżiti x'nikkunsidraw

### L-ispazju

- Jinsab f'distanza raġonevoli?
- Huwa aċċessibbli għal kulħadd?
- Il-komunitajiet tagħna għandhom l-informazzjoni kollha meħtieġa, eż. opzjonijiet ta' trasport u parkeġġ?

### Is-sjieda

- Min huma s-sidien tal-post?
- Il-post huwa pubbliku jew privat?
- Neħtieġu xi permessi?

### Il-wisa'

- Kemm jesa' nies?
- Neħtieġu aktar minn spazju wieħed, eż. aktar minn kamra waħda fejn niltaqgħu?
- L-ispazju huwa flessibbli biżżejjed biex inqassmuh kif nixtiequ?

### Il-faċilitajiet

- X'tip ta' servizzi neħtieġu, eż. faċilitajiet tal-kċina, imwejjed, siġġijiet, flippċart?
- Dawn huma disponibbli, jew jenħtieġ niksbuhom minn partijiet terzi?
- Dawn jintramaw u jitnaddfu/jitneħħew minn ħaddieħor jew jenħtieġ nagħmlu dan aħna?

### L-apparat tekniku

- X'tip ta' tagħmir tekniku neħtieġu, eż. laptop, proġekter, kejbils, sistema tal-awdjo, Wi-Fi?
- Dawn huma disponibbli jew neħtieġu niksbuhom mingħand partijiet terzi?
- Dawn jintramaw u jitħaddmu minn ħaddieħor jew jenħtieġ nagħmlu dan aħna?

### L-atmosfera

- L-iskema tal-ilwien u d-dekor tal-ispazju huma xierqa?
- Il-kwalità tad-dawl hija adattata għall-ħtiġijiet tagħna? Id-dawl huwa naturali jew artifiċjali?
- L-akustika xierqa għall-prattika u għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet tagħna?



# Suġġerimenti kif Naħdmu Online



# Suġġerimenti kif Naħdmu Online

[ 7 / 10 ]

Hemm ħafna mezzi online. Għalkemm ma jistgħux jieħdu post l-interazzjonijiet personali, meta dawn jintużaw tajjeb kapaċi jiffaċilitaw il-laqgħat virtwali tagħna – kemm jekk ikunu workshops, laqgħat, korsijiet, sessjonijiet ta' taħriġ jew webinars. Bħal kull prattika oħra, dan jeħtieġ ċerta preparazzjoni. L-użu tal-mezzi t-tajba u l-għarfien tal-komunitajiet tagħna huma kruċjali biex niffaċilitaw kollox aħjar. Bħalma jiġri fil-laqgħat wiċċ imb wiċċ, f'dawn il-prattiki xorta japplikaw kunsiderazzjonijiet etiċi, bħal pereżempju li nfittxu l-kunsens meta nirreġistraw jew niġbdu ritratti tal-iskrins.

**Xi benefiċċji**

Inklużivi, irrispettivament mill-ħin u l-ispazju
Kosteffettivi
Jiffrankaw il-ħin
Inqas ħtieġa ta' sforzi loġistiċi
Impatt ambjentali pożittiv

**Xi sfidi**

Tnaqqis fil-kuntatt fiżiku
Problemi tekniċi
Djalogu inqas mexxej
Ħtieġa ta' apparat elettroniku
Varjetà fil-ħiliet u fil-litteriżmu diġitali

**Xi eżempji: għodod u attivitajiet online**

*Mezzi tas-Sondaġġi – Ħżin ta' Fajls – Qsim ta' Dokumenti – Vidjokonferenzi – Whiteboards Virtwali – Kanvas Virtwali – Apps għat-Teħid ta' Noti – Preżentazzjonijiet Interattivi – Mezzi ta' Komunikazzjoni Online – Mind Mapping – Sondaġġi Online – Sessjonijiet Mistoqsija u Tweġiba – Qsim ta' Skrins u t'Awdjo – Breakout Rooms – Skeċċijiet Virtwali – Kwizzijiet Virtwali*

# 12-il suġġeriment għal-laqgħat online

Żomm kollox sempliċi

Agħżel il-post u ż-żona orarja t-tajba

Ġib kofaċilitatur biex jgħinek

Ipprattika u ttestja

Iffissa regoli bażiċi ċari

Ipprova laqqa' 'l kulħadd bil-kamera, jekk ilkoll iħossuhom komdi

Ħu ħsieb il-ġestjoni tal-awdjo

Uża t-text chat

Uri l-kompiti fuq l-iskrin u aqsam mal-bqija

Il-kunċiżjoni dejjem aħjar

Ħu pawżi regolari

Ħallat id-diġitali mal-analoġiku

Ma jkun ġara xejn jekk l-affarijiet imorru ħażin – id-darba li jmiss joħorġu aħjar

[ 8 / 10 ]

# Organizzazzjonijiet Volontarji Kulturali

# Organizzazzjonijiet Volontarji Kulturali

[ 8 / 10 ]

Dan il-fuljett tħejja b'kollaborazzjoni ma' Roderick Agius, Direttur tal-Finanzi u tal-Amministrazzjoni fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, u ma' Mauro Pace Parascandalo, Uffiċjal Kap Eżekuttiv fil-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju

## Reġistrazzjoni mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (VOs)

Il-VOs Kulturali f'Malta għandhom diversi opportunitajiet ta' finanzjament. Biex organizzazzjoni tiġi kkunsidrata għall-għotjiet ta' fondi jenħtieġ qabelxejn illi tkun irreġistrata mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Kif previst fil-Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reġistrazzjoni mal-Kummissarju hija obbligatorja. Aktar tagħrif dwar ir-reġistrazzjoni jinsab fuq www.cvoenrolment.gov.mt

## Konformità

Mhux biżżejjed li VO tirreġistra biex tiġi kkunsidrata għall-finanzjament. Jenħtieġ ukoll li din tkun konformi mal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 492.02 (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali) 2020. VO għandha tressaq sett ta' dokumenti (ara l-paġna ta' wara) lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Ladarba jitressqu, dawn id-dokumenti jiġu eżaminati u mbagħad jinħareġ ċertifikat ta' konformità ffirmat mill-Kummissarju.

## Finanzjament

L-opportunitajiet ta' finanzjament għall-VOs huma disponibbli permezz tal-portal online tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju (MCVS), www.cvoenrolment.gov.mt. Dan huwa portal ta' finanzjament li bħala punt ta' kuntatt waħdieni jiġbor il-fondi nazzjonali kollha disponibbli għall-VOs kif ukoll fondi oħra ġestiti minn operaturi ta' fondi lokali u tal-UE. Il-portal jagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa u huwa aċċessibbli wkoll permezz tal-app mobbli *VO Funding Malta*. Bħalissa dan il-portal jappoġġa sitt Ministeri/Entitajiet differenti u 20 linja ta' finanzjament varji.

## Punti xi nqisu

- [ ] Il-VO tagħna hija rreġistrata mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji?
- [ ] Il-VO tagħna ppreżentat il-Mudell tal-Prospetti Annwali tagħha?
- [ ] Il-VO tagħna ppreżentat ir-Rapport Annwali tagħha?
- [ ] Il-VO tagħna ppreżentat il-Kontijiet Annwali skont id-dħul annwali u d-dħul iġġenerat?
- [ ] Il-VO tagħna ppreżentat l-organigramma tagħha?
- [ ] Il-VO tagħna ppreżentat il-lista tal-amministraturi attwali tagħha?
- [ ] Il-VO tagħna ppreżentat ir-Rendikont tal-Kollezzjonijiet Pubbliċi?

Għal aktar tagħrif dwar skemi ta' finanzjament speċifiċi, jekk jogħġbok żur **il-portal online tal-MCVS** jew **l-app mobbli**. Tista' wkoll tikkuntattja jew iżżur is-sit web **tal-korp ta' finanzjament** responsabbli mill-iskema ta' finanzjament speċifiku li tinteressak.

[ 9 / 10 ]

# Definizzjonijiet

# Definizzjonijiet
[ 9 / 10 ]

Dan il-fuljett jippreżenta xi definizzjonijiet sinifikanti mil-linji gwida tal-Iskemi RESTART 2021 tal-Kunsill Malti għall-Arti. Għal aktar definizzjonijiet relevanti għall-iskemi ta' finanzjament speċifiċi, jekk jogħġbok irreferi għal-linji gwida rispettivi.

## Attivitajiet li jaqgħu taħt is-settur kulturali u kreattiv

L-Arti (il-letteratura, l-arti viżiva, il-mużika, l-arti tal-ispettaklu, interdixxiplinari)
Servizzi Kummerċjali Kreattivi (id-disinn, l-arkitettura, it-turiżmu kulturali u s-servizzi kulturali)
Il-Patrimonju (l-artiġjanat, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikwarjat)
Il-Midja (materjal ippubblikat u stampat, xogħol awdjoviżiv, inklużi produzzjoni ta' films u filmati, servizzi ċinematografiċi, televiżjoni, logħob diġitali, radju, midja online).

## Applikant

Applikant jista' jkun individwu, grupp jew organizzazzjoni. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni ta' fond jew skema.

## Applikazzjoni

Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

## Benefiċjarju

Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġata minn fond jew skema.

## Bord tal-Evalwaturi

Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar tim ta' esperti settorjali esterni għal kull sejħa ta' skema jew fond. Il-bord maħtur jista' jkun magħmul minn professjonisti lokali jew barranin.

## Dokumentazzjoni Obbligatorja

Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġaw il-proposta tiegħek u jgħinu l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (eż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi jew oħrajn).

## Eliġibbiltà

Qabelxejn isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eleġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi ta' skema jew fond. Il-proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Entitajiet Irreġistrati

Entità legalment stabbilita u rreġistrata f'Malta. Dawn l-entitajiet iridu jkunu rreġistrati mar-Reġistru Malti tan-Negozji, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji f'każ ta' kumpanija jew sħubija, u f'konformità mal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' fondazzjoni u organizzazzjoni/assoċjazzjoni.

## Evalwazzjoni

L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti fil-linji gwida.

## Ġestjoni u Amministrazzjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni tal-iskemi u tal-fondi. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet u l-aġġornamenti dwar il-proposti rebbieħa, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat fil-linji gwida.

## Grupp

Għadd ta' persuni b'personalità ġuridika jew mingħajrha jistgħu jifformaw grupp. Waħda mill-persuni involuti trid tieħu r-rwol tat-tmexxija u jkollha r-responsabbiltà legali prinċipali mill-ġestjoni tal-proġett u tal-għotja. Din il-persuna għandha tkun ċittadina Maltija jew ikollha permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Individwu

L-individwi li japplikaw għal għotja jridu jkunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Koperattivi

Il-koperattivi għandhom ikunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal aktar tagħrif żur il-link www.maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi/

## Operaturi Kulturali

L-individwi jew l-organizzazzjonijiet kollha li joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Organizzazzjoni Volontarja

Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, Valletta Cultural Agency, MICAS, Festivals Malta, Kor Malta u ŻfinMalta.

## Professjonisti Kreattivi

L-individwi artistiċi u kreattivi kollha attivi professjonalment fis-setturi kulturali u kreattivi.



# Links Utli



# Links Utli

[ 10 / 10 ]

Dan il-fuljett tat-toolkit jippreżenta referenzi online għall-organizzazzjonijiet lokali li pparteċipaw fl-iżvilupp ta' dan il-pakkett ta' riżorsi. Qabelxejn dawn jiffukaw fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, flimkien ma' organizzazzjonijiet umbrella oħra. Din mhi b'ebda mod maħsuba biex tkun lista eżawrjenti.

**Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, Malta**
activeageing.gov.mt

**Aġenzija Żgħażagħ – L-Aġenzija Nazzjonali taż-Żgħażagħ ta' Malta**
youth.gov.mt

**Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem**
humanrights.gov.mt

**Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali**
localgovernment.gov.mt

**Il-Fondazzjoni tal-Artiġjanat Malti**
maltacrafts.gov.mt

**Il-Fondazzjoni St Jeanne Antide**
antidemalta.org

**Il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà**
crpd.org.mt

**Il-Kunsill Malti għall-Arti**
artscouncil.mt

**Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat**
maltacvs.org

**Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (Malta)**
ncwmalta.com

**Il-Pjattaforma tal-Organizzazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Malta**
humanrightsplatform.org.mt

**Kopin (Koperazzjoni Internazzjonali)**
kopin.org

**L-Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin**
facebook.com/Gozongos

**L-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, Malta**
deafmalta.com

**L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal**
tfal.org.mt

**MGRM – Malta LGBTIQ Rights Movement**
maltagayrights.org

**Richmond Foundation**
richmond.org.mt

**SOS – Solidarity Overseas Services, Malta**
sosmalta.org

**YMCA Malta**
ymcamalta.org